Vol 31
Nru 167
Jannar - Marzu 2010

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



## L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.



Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2010



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Għajn Karem*


# Werrej




5





14





26



31


*5* **Banias u Tel Dan**

*14* **L-imħabba tħoll kull dnub**

*26* **L-impenn ta' Ġesù favur il-Batuti (3)**

*31* **Il-Via Dolorosa (1)**

*38* **Il-Foqra tal-Mulej bil-Bibbja**

*42* **Is-Saċerdozjoni ta' Kristu (1)**




38

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## PELLEGRINI JEW TURISTI?

Meta wieħed jiġi l-Art Imqaddsa jibqa' impressjonat bin-numru kbir ta' viżitaturi li jara fis-santwarji u fit-toroq ta' Ġerusalemm, Nazaret u Betleħem. F'dawn l-aħħar snin, minkejja li t-tensjoni politika ma naqsitx, in-numru ta' persuni li jiġu jżuru l-Art Imqaddsa ma naqasx. Xi perjodi tas-sena, l-aktar il-Milied, il-Ġimgħa Mqaddsa u x-xhur ta' Settembru u Ottubru, jimmarkaw il-quċċata fin-numru ta' viżitaturi fl-Art Imqaddsa. Skont cifri mogħtijin mill-Ministeru tat-Turiżmu Israeljan, il-viżitaturi li ġew Israel fis-sena 2008 kienu b'kollox 3 miljuni, li minnhom 1.8 miljun kienu viżitaturi Kristjani. Dan ifisser li kważi 2 minn kull 3 viżitaturi li jiġu f'Israel jiġu bi skop reliġjuż Kristjan.

Naturalment, meta ngħidu Kristjani, infissru diversi tipi ta' Kristjani, fosthom Kattolici, Ortodossi, Anglikani, Luterani, u setet oħrajn li normalment jiġu inklużi b'mod mhux tant korrett fost il-Kristjani, bħalma huma l-Mormoni. Fis-santwarji tal-fidwa aħna l-Franġiskani nilqgħu dawn it-tipi kollha ta' Kristjani, kif ukoll viżitaturi oħrajn li huma Lhud, jew Musulmani, jew inkella ta' xi reliġjon oħra jew ukoll bla ebda reliġjon. Dawn il-folol ta' viżitaturi huma sinjal sabiħ, u ċertament huma ta' għajnuna għall-ekonomija kemm ta' Israel kif ukoll, u ċertament ħafna aktar, tat-Territorji Palestinjani (specjalment Betleħem u Ġeriko). Mil-lat reliġjuż, iżda, mhux kollox hu ward u żahar. Użajt il-kelma viżitaturi. Aħna soltu mdorrijin nużaw il-

*...editorjal*

## *Pellegrini jew Turisti*



kelma pellegrini. Imma l-pellegrin hu viżitatur partikulari, li hu differenti mit-turist. It-turist hu viżitatur li jiġi bi skop kulturali jew rikreattiv. Il-pellegrin jiġi bi skop ewlieni reliġjuż. Il-problema hi li mhux il-viżitaturi Kristjani kollha li jinġiebu Israel jiġu bħala pellegrini. Numru sostanzjali jiġu forsi bi skopijiet reliġjużi tajbin, imma l-aġenziji ta' l-ivjaġġar li jġibuhom huma aktar interessati filli jagħmlu minnhom turisti li jiġu biex jiddevertu u jqattgħu sigħat fil-ħwienet tas-souveniers, u mbagħad fil-fdalijiet tal-ħin iżuru s-santwarji biex jitolbu.

Dan iġib miegħu diffikultajiet kbar għalina l-Franġiskani. Is-santwarji huma żgħar. Jiġu gruppi bla "bookings" tal-quddies, bla sacerdot li jakkumpanjahom, bla ma jafu l-ħinijiet tal-ftuħ tas-santwarji. Xi gwidi jabbandunawhom fil-Qabar ta' Kristu u fil-Bażilika ta' Betleħem mingħajr ma jedukawhom dwar kif għandhom iġibu ruħhom u liema hu l-aħjar ħin biex iżuru bla ma jiddiżappuntaw ruħhom għax isibu funzjonijiet għaddejjin u ma jkunux jistgħu jidħlu.

Hu għalhekk li aħna l-Franġiskani ninsistu li, min irid jiġi l-Art Imqaddsa bi skop reliġjuż, għandu jiġi bi spirtu ta' pellegrin, u jfittex min jgħinu jagħmel pellegrinaġġ u mhux ġita turistika. Min irid jiġi bħala turist isib f'Israel pajjiż sabiħ li jilqgħu u joffrilu kull ma jrid. Imma wieħed ma jistax iħallat iż-żewġ elementi flimkien. Is-servizz li aħna l-Franġiskani nagħtu b'sagrifiċċju kbir lill-pellegrini jitlob kooperazzjoni mill-gwidi u l-aġenziji ta' l-ivjaġġar biex jifhmu li s-santwarji tal-fidwa huma knejjes u mhux mużewijiet ta' arti, u li l-kummerċ ma għandux jieħu post l-esperjenza unika ta' kuntatt mal-Kelma ta' Alla li wieħed jagħmel fl-Art Imqaddsa.

Meta naraw quddiemna viżitaturi ddiżappuntati jiddispjaċina, imma jiġina li nistaqsuhom: għax ma sibtux min seta' jippreparakom u jiggarantilkom żjara organizzata mill-aspett reliġjuż jekk ridtu tiġu bħala pellegrini? Aħna l-Franġiskani, permezz tal-ħidma tal-Kummissarjati ta' l-Art Imqaddsa u ta' dawk il-patrijiet li huma animaturi spiritwali uffiċjali tal-pellegrinaġġi, nistgħu niggarantixxu li min jiġi magħna jagħmel pellegrinaġġ u mhux vjaġġ turistiku. Il-kumplament li l-aġenziji ta' l-ivjaġġar iġibuhom taħt l-isem ta' Kristjani imma bi skop li jagħmlu turiżmu għandhom kull dritt li jżuru s-santwarji, imma mhux li jiddettaw kif aħna l-Franġiskani għandna nilqgħuhom fl-eqdes postijiet għal min jemmen li l-pellegrinaġġ hu esperjenza ta' fidi u mhux divertita.



# BANIAS U TEL DAN

*Noel Muscat OFM*

Is-siti arkeoloġici ta' Banias u Tel Dan jinsabu fit-tramuntana estrema ta' l-Istat ta' Israel, qrib il-fruntiera mal-Libanu u s-Sirja, immarkata mill-muntanja Ħermon. Huma l-aktar magħrufin għall-abbundanza ta' ilma li jnixxi fihom, għax hawnhekk jinsabu l-għejjun tax-xmara Ġordan. Imma huma wkoll postijiet ta' interess kbir arkeoloġiku u bibliku.

## Banias u Nahal Ħermon

Banias hu marbut qabel xejn man-nixxiegħa tax-xmara Ġordan, imsejħa Nahal Ħermon. Din in-nixxiegħa tircievi l-ilmijiet tagħha mix-xaqliba tan-nofsinhar tal-muntanja Ħermon u mill-għoljiet tat-tramuntana tal-Golan. Il-muntanja Ħermon bl-Għarbi tissejjaħ Jabal el-Shaiykh, u bil-Lhudi Har Hermon, hi l-ogħla muntanja fil-katina tal-muntanji ta' l-Anti-Libanu. Tilħaq 2814 metri fuq il-livell tal-baħar. Il-quccata tagħha timmarka l-fruntiera bejn il-Libanu u s-Sirja, filwaqt li x-xaqliba tan-nofsinhar, fejn titwieled ix-xmara Ġordan, hu taħt il-kontroll ta' Israel, li okkupa l-għoljiet tal-Golan fil-gwerra ta' l-1967.
In-Nahal Ħermon tilqa' l-ilma minn żona ta' 150 kilometri kwadri, l-aktar min-nixxiegħa ta' Sa'ar (Wadi Hasba) u minn Nahal Sion (Wadi Asal). Kull sena n-Nahal Ħermon tipproduci 120 miljun metru kubu ta' ilma, li jammonta għal kwart ta' l-ilma li jinżel fix-xmara Ġordan. Ħafna mill-ilma jnixxi f'Banias, taħt l-għar ta' dan is-sit arkeoloġiku, f'temperatura kiesħa ta' 15 gradi Celsius. Għal tliet kilometri n-Nahal Ħermon tinżel b'qawwa minn ħondoq dejjaq, permezz ta' kaskati, li l-aktar waħda famuża fosthom hi l-Banias Waterfall. Imbagħad in-Nahal Ħermon tidħol fil-wied ta' Hula, fejn l-ilmijiet jikkalmaw. Xi 9 kilometri lejn in-nofsinhar in-Nahal Ħermon tingħaqad man-Nahal Dan, biex flimkien jiffurmaw ix-xmara Ġordan, li tibqa' nieżla sakemm toħroġ fl-Għadira tal-Galilija, minn fejn imbagħad terġa' toħroġ fix-xaqliba opposta biex tibda nieżla lejn il-Baħar il-Mejjet.
Is-sit arkeoloġiku ta' Banias hu, qabel xejn, post turistiku fejn wieħed imur, l-aktar fir-rebbiegħa, meta jinħall is-silġ fuq l-Ħermon, biex igawdi l-ġmiel ta' din ir-riserva naturali u l-ilmijiet abbundanti li jnixxu f'dan il-post. Imma Banias hu wkoll post arkeoloġiku u bibliku ta' importanza.
Wara li Alessandru l-Kbir okkupa l-Art Imqaddsa fis-sena 332 q.K. il-kultura Griega iddaħħlet fil-lvant nofsani. F'Banias, qrib in-nixxiegħa tal-Ħermon, ġie mibni Paneon, jiġifieri tempju lil alla Pan, li kienu jemmnu li jgħix fin-natura. L-isem tal-post, Banias, jew Paneas, ġej proprju minn dan il-kult lejn l-alla



*Il-Muntanja Hermon*

Pan. L-istoriku Xenon ta' Rodi jikteb li, fis-sena 200 q.K. hawnhekk seħħet battalja bejn is-Selewcidi u t-Tolomej li kienu fi gwerra biex jaħkmu l-Palestina. Fi tmiem l-ewwel seklu q.K. ir-Rumani okkupaw Banias u għaqqduha mas-saltna ta' Erodi l-Kbir. L-istoriku lhudi ta' dak il-perjodu, Josephus Flavius, ifakkar li Erodi bena f'Banias tempju qrib in-nixxiegħat tal-Ħermon, u iddedikah lill-patrun tiegħu, l-imperatur Ruman Augustus. Wara l-mewt ta' Erodi s-saltna tiegħu inqasmet bejn it-tliet uliedu subien. It-tramuntana tal-Palestina u l-għoljiet tal-Golan ġew taħt il-ħakma ta' Filippu, li iddikjara Banias kapitali tas-saltna tiegħu fis-sena 2 q.K. Hu semmieha Caesarea Philippi, għalkemm baqa' jinżamm l-isem Paneas. Din il-belt baqgħet il-kapitali tas-saltna ukoll taħt il-ħakma ta' Agrippa II, fit-tieni nofs ta' l-ewwel seklu ta' l-era Kristjana. Josephus Flavius ifakkar li Agrippa II sebbaħ il-belt , billi bena fiha palazz kbir u diversi tempji bi statwi.

Għat-tradizzjoni Kristjana, Banias jew Paneas jibqa' marbut ma' żewġ fatti evanġelici li seħħew hawnhekk, u li huma indikazzjoni li Ġesù wasal ukoll fit-tramuntana tal-Palestina taħt il-muntanja Ħermon. L-ewwel fatt hu dak marbut ma' l-istqarrija ta' fidi ta' Pietru, f'Mattew 16,13-19:

"Meta wasal fl-inħawi ta' Cesarija ta' Filippu, Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: «Min jgħidu n-nies li hu Bin il-bniedem?» U huma weġbuh: «Xi wħud, Ġwanni l-Battista; oħrajn Elija; u oħrajn Ġeremija jew wieħed mill-profeti». «Imma intom min tgħidu li jien?» staqsiehom. U qabeż Xmun Pietru u qallu: «Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj». U Ġesù wieġbu u qallu: «Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet. U jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet".

It-tieni fatti evanġeliku li Missirjiet il-Knisja jgħidu li seħħ f'Banias hu dak tal-fejqan mirakoluż tal-mara li kienet marida b'emorraġija. Il-fatt jirrakkontawh Mattew 9,20-22, Mark



5,25-34, u Luqa 8,43-48, għalkemm mill-Evanġelji jidher car li dan il-fatt seħħ f'Kafarnahum, għax hu ħaġa waħda mar-rakkont tal-fejqan tat-tifla tal-kap tas-sinagoga Ġajru. X'aktarx li din il-mara kienet marret Kafarnahum biex titfejjaq u jista' jagħti l-kas li kienet tgħix f'Banias. Skond tradizzjoni antika din il-mara kienet poġġiet statwa ta' Ġesù fil-bieb tad-dar tagħha biex tfakkar il-miraklu tal-fejqan li kienet qalgħet. L-istoriku Sozomeno jikteb li meta l-imperatur Ġuljanu l-Apostata sema' li f'Caesarea Philippi kien hemm wieqfa statwa ta' Kristu, li kienet saret minn waħda mara li kienet ġiet imfejqa minn emorraġija mill-istess Ġesù Kristu, hu ordna li din tinħatt u ssir statwa tiegħu nnifsu flokha. Imma niżel nar mis-sema u kisser din l-istatwa ta' l-imperatur hekk li r-ras u l-għonq spiccaw ma' l-art bil-marka ta' xejn laqtithom dik is-sajjetta.
Fl-era Biżantina, li timmarka l-perjodu li fih il-Palestina kienet Kristjana, Banias bidlet il-karatteristika ta' belt pagana. Il-kult lejn l-alla Pan intemm għal kollox u t-tempji pagani ġew abbandunati. Imma l-belt baqgħet abitata u anzi kibret, filwaqt li l-palazz ta' Agrippa II sar post fejn l-abitanti kienu jiġu għall-banjijiet fl-ilmijiet cari tan-nixxiegħa.
Wara li l-Palestina ġiet maħkuma mill-Musulmani, fis-sena 638, Banias tilfet l-importanza tagħha u saret biss raħal minsi. L-isem Banias daħal biex ħa post l-isem Paneas. Sas-seklu 10 Banias kienet baqgħet abitata minn immigrati Musulmani, imma kien hemm fiha wkoll il-preżenza tal-Lhud.
Mal-wasla tal-Krucjati fis-sena 1099 Banias mall-ewwel akkwistat l-importanza ta' belt ta' fruntiera bejn ir-Renju Latin Krucjat ta' Ġerusalemm u l-artijiet l-oħrajn okkupati mill-Musulmani, li c-centru amministrattiv tagħhom kienet il-belt ta' Damasku fis-Sirja, fuq ix-xaqliba l-oħra tal-muntanja Ħermon. Minħabba


*Tel Dan Bieb tal-belt Kaghnanea*

l-pożizzjoni tagħha f'salib it-toroq bejn Sidon u Tir fil-Libanu u Damasku fis-Sirja, Banias kienet post strateġiku ta' importanza. Kien għalhekk li, fil-għoli fuq Banias il-Musulmani kienu saħħew il-Fortizza ta' Nimrod. Imma fl-1129 Nimrod u Banias intrebħu mill-Krucjati, sakemm fl-1132 reġgħu inħakmu mill-Musulmani.

Wara li Saladin rebaħ lill-Krucjati fil-battalja ta' Qarne Hattin fl-4 ta' Lulju 1187 u kecciehom mill-Galilija, Banias naqset fl-importanza tagħha. Il-Mameluki kienu saħħew il-belt, imma bil-mod il-mod abbandunaw il-Fortizza ta' Nimrod. Banias b'hekk saret raħal żgħir u minsi minn kulħadd sakemm fl-1967 l-Israeljani okkupaw l-għoljiet tal-Golan u ħakmu n-nixxiegħat ta' l-ilma tal-muntanja Ħermon, u Banas saret post ta' importanza arkeoloġika u turistika.

Iż-żjara tas-sit arkeoloġiku ta' Banias tibda min-nixxiegħa tal-Ħermon li toħroġ proprju taħt l-għar li quddiemu kien hemm it-tempju ta' l-alla Pan. It-tempju ta' Pan kien mibni taħt irdum li hu 40 metru għoli, u li mhux għajr il-fdal ta' għar kbir li għadu jeżisti biss f'bicca minnu waranett, u li s-saqaf tiegħu kien waqa' biex ħoloq anfitejatru naturali li fih inbnew diversi postijiet ta' kult pagani. In-naħa ta' wara ta' l-għar għada teżisti u tissejjaħ l-Għar ta' Pan. Illum in-Nahal Ħermon ma għadhiex tnixxi fil-għar kif kienet fl-antikità, imma aktar 'l isfel, kif għidna, ukoll għax il-kwantità ta' ilma naqset ħafna. It-tempju ta' Pan kien mibni fuq pjattaforma ta' 80 metru tul li kienet tiddomina l-belt ta' Banias. Dan il-post kien «temenos» jew recint qaddis dedikat lil alla Pan. Il-kult lejn Pan kien jiddependi mit-taħlita ta' fatturi naturali li kienu jinkludu l-veġetazzjoni (bosk), l-ilma (nixxiegħa) u l-għar. Minn żminijiet il-qedem dan il-post kien oġġett ta' kult tar-ragħajja li kienu jissagrifikaw mogħoż quddiem dan l-għar. It-«temenos» kien jinkludi t-tempju, il-btieħi, il-għar u xi nicec li għadhom jidhru fil-blat ta' l-irdum, li fihom x'aktarx li kien hemm statwi. Mit-tempju ta' l-alla Pan fadal biss xi fdalijiet. Quddiem id-daħla tal-grotta sagra Erodi l-Kbir, fis-sena 19 q.K., kien bena tempju ad unur ta' Cesari Awgustu. Dan it-tempju jiġi deskritt mill-istoriku Lhudi Josephus Flavius, li jgħid li t-tempju kien 20 metri twil. Mit-tempju wieħed kien jgħadd fil-grotta ta' l-alla Pan, li wkoll kienet meqjusa bħala tempju, kif rajna, u li fiha kienu jsiru sagrificcji tal-mogħoż li kienu mbagħad jixħuthom fil-qiegħ tan-nixxiegħa. Jekk id-demm tagħhom kien joħroġ ma' l-ilma aktar 'l isfel allura dan kien ifisser li l-alla Pan ma kienx laqa' s-sagrificcju. Matul l-ewwel seklu ta' l-era Kristjana inbena santwarju ieħor pagan, iddedikat lil Pan u n-Ninfi, lejn ix-xaqliba tal-lvant tat-tempju ta' Awgustu. Dan il-post jissejjaħ il-Bitħa ta' Pan u n-Ninfi. Il-binja kienet tikkonsisti f'rettangolu ta' 15 metru b'10 metri li ma kienx imsaqqaf u għalhekk kien santwarju għall-apert. Fil-ħajt tar-rdum li hemm fuq wara ġiet imħaffra nicca kbira, li qisha għar, u fuqha żdiedu wkoll nicec oħrajn għal xi statwi. Hemm iskrizzjoni bil-Grieg li tindika li dawn in-nicec saru fis-sena 148: "Il-qassis Victor, iben Lysimachos, iddedika din l-alla mara lil alla Pan, il-maħbub ta' Echo".

Maġenb din il-binja hemm il-fdalijiet tat-tempju ta' Zeus u tal-bitħa ta' Nemesis. Madwar is-sena 100, meta kien imperatur Trajanu Cesari, inbena tempju lil Zeus f'Banias. It-tempju kellu żewġ kmamar, sala interna li kienet dekorata bl-irħam u portiku wiesgħa quddiemha. Il-faccata tat-tempju kienet imżejna b'erba' kolonni li kellhom kapitelli Korinzi. Maġenb it-tempju kien hemm bitħa wiesgħa 4 metri, li kont titla' għaliha b'taraġ mix-xaqliba tan-nofsinhar, fejn kien isir il-kult ta' Nemesis, l-alla mara tal-vendetta u



*Kastell ta' NImrod*

l-ġustizzja.
Fl-aħħarnett, fuq l-estremità tal-lvant ta' dan ir-recint qaddis, fit-3 seklu inbena post ta' kult li fih kienu jindifnu l-għadam tal-mogħoż sagri li kienu jiġu offruti lil alla Pan. L-arkeoloġi sabu diversi fdalijiet ta' għadam fin-nicec, kif ukoll muniti li fihom hemm rappreżentati l-mogħoż sagri tal-belt ta' Banias, li kienu jiġu offruti lil alla Pan.
Minn quddiem l-għar ta' l-alla Pan, imma fix-xaqliba tal-punent fil-għoli, wieħed jilmaħ koppla żgħira bajda. Din timmarka l-qabar ta' Nebi Khader li ismu fl-Għarbi jfisser "ħaddari", u li hu meqjus bħala bniedem qaddis għall-Musulmani u d-Drużi.

## Il-Fortizza Nimrod

Il-fortizza Nimrod, bl-Għarbi «Qala'at al-Subeiba» (Kastell ta' l-irdum) tinsab fuq għolja li tixref fuq Banias, lejn il-lvant, taħt il-massicc tal-muntanja Ħermon, 800 metru fuq il-livell tal-baħar. L-isem Nimrod hu dak tal-famuż kaccatur li jissemma fil-Ġenesi 10,8-9: "Kus (iben Ħam, iben Noè) wiled lil Nimrod, li kien l-ewwel wieħed setgħan fuq l-art. Kien kaccatur qalbieni f'għajnejn il-Mulej: u għalhekk kienu jgħidu: Bħal Nimrod kaccatur qalbieni f'għajnejn il-Mulej". Skond tradizzjoni lokali

Nimrod kien jgħix fuq din il-quccata. Il-fortizza kienet inbniet mill-Krucjati, biex jiddefendu l-belt ta' Banias li tinsab fil-wied ta' taħtha. Kienu l-mexxejja Musulmani ta' Damasku li kienu reġgħu bnewha biex jiddefendu l-fruntiera tagħhom kontra l-Krucjati. Il-fortizza nbniet minn al-Aziz Uthman, neputi ta' Saladin, fl-1229-1230. Fl-1260 is-sultan Baibars reġa' saħħaħha u żiedilha torrijiet ta' difiża. Matul is-sekli 12 u 13 il-fortizza għaddiet minn ħafna battalji u waqgħet f'idejn diversi, imma kienet maħkuma principalment mill-Musulmani, kif jixhdu d-diversi iskrizzjonijiet bl-Għarbi li nstabu fil-fdalijiet tagħha.
Il-fortizza hi kbira ħafna, u tkopri 420 metri fit-tul u 150 metri fil-wisgħa, u hi mibnija minn ġebel kbir u minġur. Fuq ix-xaqliba tal-lvant, f'post aktar għoli mill-fortizza nnifisha hemm binja kbira forma ta' kastell fortifikat, ta' dimensjonijiet kbar (65 metri b'45 metri), li fiha wkoll torrijiet kbar rettangolari. Hawnhekk kien joqgħod il-kmandant tal-fortizza, imma kienet isservi wkoll bħala ħabs, u l-fatt li kellha foss kbir fuq in-naħa tal-punent juri li waħedha kienet kapaci tiffunzjoni bħala fortizza f'mumenti ta' assedju.
It-torri tad-daħla tal-fortizza ta' Nimrod fih iskrizzjoni li tgħid li ġiet mibni mill-mexxej Ayyubid al-Aziz Uthman fl-1230. Instabet ukoll iskrizzjoni bl-Għarbi li tgħid li s-sultan Mamluk Baibars kien sewwa dan it-torri tad-daħla tal-fortizza fl-1275. Instabet ukoll ġiebja kbira u taraġ dejjaq li kien jgħaqqad id-diversi torrijiet ta' difiża. Instab ukoll passaġġ sigriet mid-daħla tal-fortizza li jwassal barra mill-fortizza, bl-iskop li d-difensuri setgħu jgħaddu minnu biex jattakkaw lill-assedjanti b'attakki sorpriża.
Fi tmiem is-seklu 13 meta l-Musulmani okkupaw il-port ta' Akri u keccew lill-Krucjati darba għal dejjem mill-Art Imqaddsa fl-1291, il-fortizza Nimrod tilfet l-importanza tagħha u bdiet taqa' f'rovina, kif għadha tidher sallum.
Bħala sit arkeoloġiku l-fortizza hi llum irranġata u wieħed jista' jżurha bil-kumdità kollha, filwaqt li mill-għoli tagħha jgawdi l-panorama kemm tal-massicc muntanjuża tal-Ħermon li jogħla fuqha, kif ukoll tal-pjanura ta' Kiryat Shmona u l-wied ta' Hula, bl-għoljiet fuq ix-xaqliba tal-punent li jimmarkaw il-fruntiera ta' Israel mal-Libanu u fuq ix-xaqliba tal-lvant bl-għoljiet tal-Golan.

## Tel Dan

Qrib ta' Banias hemm ir-riserva naturali ta' Tel Dan, fejn titwieled l-akbar waħda fost in-nixxiegħat li jagħmlu flimkien ix-xmara Ġordan. Ix-xmara Dan tnixxi 238 miljun metri kubi ta' ilma kull sena. L-ilma joħroġ mill-art wara li jkun għadda minn diversi mini naturali fil-muntanja Ħermon, li fix-xitwa tkun miksija bis-silġ.
Sal-gwerra ta' l-1967 ix-xmara Dan kienet l-unika nixxiegħa tal-Ġordan li kienet f'idejn Israel. Minħabba n-nuqqas ta' xita fil-lvant nofsani kien qiegħed jittieħed ħafna ilma minn din in-nixxiegħa. Imma fl-1969, sentejn wara li Israel ħakem in-nixxiegħat kollha li jinżlu mill-Ħermon, l-ilmijiet ta' Tel Dan, bħal dawk ta' Banias, ġew dikjarati riserva naturali.
Tel Dan, iżda, mhuwiex biss riserva naturali li fiha eluf ta' turisti jiġu għall-frisk ta' l-ilmijiet abbundanti u għad-dell tal-boskijiet. Tel Dan hu, fuq kollox, sit arkeoloġiku ta' importanza kbira. L-iskavi ta' Tel Dan saru fl-1966. L-isem Tel Dan jindika għolja artificjali li fl-Art Imqaddsa dejjem turi li kien hemm belt, jew aħjar, diversi strati ta' bliet waħda fuq oħra, u jindika wkoll l-isem ta' wieħed mit-tribujiet ta' Israel, it-tribù ta' Dan.
Il-Ktieb ta' l-Imħallfin, fil-kapitlu 18, jirrakkonta l-istorja tat-tribù ta' Dan: "F'dak iż-żmien ukoll ma kienx hemm sultan f'Israel; u t-tribù ta' Dan kien qiegħed ifittex art

fejn jgħammar, għax sa dakinhar kien għadu ma messux sehem f'nofs it-tribujiet ta' Israel. Ulied Dan għalhekk bagħtu ħamsa min-nies tat-tribù tagħhom, irġiel ta' ħila, minn Sorgħa u Estawl, biex iduru u jitkixxfu l-art, u qalulhom: «Morru u tkixxfu l-art» (...) U telqu l-ħamest irġiel u waslu Lajs (Laish), u raw li l-poplu kien jgħix bla biża' bħas-Sidonin, b'moħħhom mistrieħ; ma kien jonqoshom xejn mill-ġid ta' l-art; u ħadd ma kien jaħkimhom bi dritt ta' wirt; u kienu 'l bogħod mis-Sidonin, u ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' l-Aramin. Mbagħad reġgħu lura għand ħuthom f'Sorgħa u Estawl, u dawn staqsewhom: «X'minnkom?» U huma wieġbu: «Qumu, u itilgħu għaliha! X'intom taħsbuha? La titnikkrux, fittxu itilqu u morru ħudu l-art f'idejkom. Meta taslu hemm issibu nies jgħixu bla biża' f'medda kbira ta' art. Tassew li Alla rħieha f'idejkom. Post fejn m'hemm xejn nieqes mill-ġid li tista' tagħti l-art». Mbagħad telqu minn Sorgħa u Estawl mit-tribù ta' Dan sitt mitt raġel armati għall-gwerra (...) U huma marru Lajs, għand nies li kienu jgħixu fil-kwiet bla ħsieb ta' xejn, u għaddewhom minn xifer ix-xabla, u l-belt ħarquha bin-nar. Ma kien hemm ħadd min jgħinha, għax kienet bogħod minn Sidon, u ma kellhomx x'jaqsmu xejn ma' Aram. Kienet fil-wita ta' Bet-roħob; reġgħu bnewha mill-ġdid u għammru fiha. U semmewha Dan, għal isem missierhom Dan, li kien twieled lil Israel. Imma qabel, sa mill-bidu, kien jisimha Lajs" (Mħ 18,1-2.7-10.26-29).

It-tribù ta' Dan, mela, emigra mill-art limitata li kienet messitu, bejn Shoresh u Esta'ol, fl-inħawi ta' Nahal Sorek, fuq ix-xaqliba tal-punent ta' Ġerusalemm, u mar jgħix fil-limiti tat-tramuntana ta' l-art ta' Israel. Il-belt ta' Laish jew Leshem kienet belt Kangħanija, li kienet abitata bejn is-snin 2700 u 2400 q.K. Fiż-żjara ta' dan is-sit arkeoloġiku wieħed jista' jmur jara id-daħla tal-belt Kangħanija li għadha wieqfa b'mod verament meraviljuż wara dawk il-millennji ta' snin, bl-arkata fuq il-bieb li hi sħiħa u waħda mill-unici li għadhom weqfin fid-dinja. Il-bieb tal-belt Kangħanija hu llum protett mill-elementi, u baqa' ippreservat għal dak iż-żmien kollu għax kien mgħotti minn terrapien li ġie mikxuf biss fl-iskavi ta' l-1966.

Skond tradizzjoni biblika dan il-bieb seta' jindika wkoll żmien il-patrijarki, qrib is-sena 1750 q.K., għax fil-Ġenesi 14,14 jingħad li "malli Abram sema' li (lil Lot) kienu ħaduh ilsir, ħareġ bin-nies imħarrġa tiegħu, nies imwielda f'daru, tliet mija u tminax-il ruħ, u għamel għal warajhom sa Dan".

Mal-ġenb tat-triq li minnha tidħol fis-sit arkeoloġiku, tara l-fdalijiet tal-ħajt protettiv tal-belt mibnija mill-Israeliti. Dan il-ħajt hu impressjonanti fid-dimensjonijiet tiegħu u juri li l-belt kienet imħarsa b'difiża eccezzjonali.

L-istess jingħad għad-daħla principali tal-belt, li hi eżempju klassiku ta' kif kien ikun il-bieb tal-belt skond deskrizzjonijiet biblici. Kien hawnhekk, qrib id-daħla tal-belt, li l-arkeoloġi kienu sabu framment ta' dik li setgħet tkun "stele", jew ġebla wieqfa kommemorattiva. Il-ġebla ta' basalt vulkaniku kien fiha iskrizzjoni bl-Aramajk, li tirreferi għal xi wieħed mis-slaten Armej ta' Damasku; diversi studjużi jaħsbu li dan hu riferiment għal Ħażael (840 q.K.) jew forsi Ben-Ħadad (802 q.K.). Fis-seklu 9 q.K. kien hemm diversi gwerer bejn is-slaten ta' Israel u s-slaten ta' Aram-Damasku, li kienu okkupaw Dan (1Slat 15,20; 2Slat 8,7-15; 9,24-29; 2Kron 22,5). L-arkeoloġi jridu jaqraw f'dan il-framment il-kelma "Beth David", id-dar ta' David. Jekk dan hu minnu allura din hi l-eqdem riferiment li jeżisti għall-isem tas-sultan David. Quddiem id-daħla tal-belt hemm pjazza ta' 400 metri

kwadri, u malli tgħaddi mid-daħla ssib ruħek fi triq wiesgħa processjonali li titla' fil-parti superjuri tal-belt. Il-bieb hu l-aktar eżempju preservat ta' bieb tal-belt Israelita biblika. Għadhom jidhru l-kmamar ta' l-għassa, u anke c-cappetti li kienu jwieżnu l-bibien tal-belt. Hemm ukoll il-bank li fuqu kienu joqogħdu l-anzjani tal-belt, skond ma nsibu f'diversi riferimenti biblici (Ġen 19,1; Salm 69,13; Rut 4,1-2). Hemm ukoll fdalijiet ta' pilastri qosra li kienu jżommu tribuna, li forsi timmarka l-post li fih kien joqgħod l-imħallef fil-bieb tal-belt. Eżempju ta' dan insibuh fit-2 Ktieb ta' Samwel 19,9: "U s-sultan qam u qagħad fil-bieb; u għarfu lin-nies kollha u qalulhom: «Araw, is-sultan qiegħed fil-bieb!» U l-poplu kollu mar quddiem is-sultan".

Meta wieħed jidħol fil-belt u jgħaddi minn fost ir-rovini, jasal fl-aktar post elevat, hekk imsejjaħ «Bamah», li kien ic-centru tal-kult tal-belt Israelita ta' Dan. Il-Ktieb ta' l-Imħallfin18,30 jgħid li "wlied Dan waqqfu xbieha". Meta mbagħad, fis-seklu 10 q.K. is-saltna inqasmet fi tnejn wara l-mewt ta' Salamun, bit-tribujiet ta' Ġuda u Benjamin li kellhom is-sultan Robogħam u l-għaxar tribujiet l-oħrajn is-sultan Ġerobogħam, Dan sar is-santwarju l-aktar fit-tramuntana tas-saltna ta' Israel. Naqraw fl-1 Ktieb tas-Slaten 12,28-30: "Għalhekk, is-sultan Ġerobogħam għamel żewġ għoġiela tad-deheb, u lill-poplu qallu: «Ilkom tmorru biżżejjed Ġerusalemm. Israel, dawn huma l-allat tagħkom li tellgħukom mill-art ta' l-Eġittu». Huwa qiegħed wieħed mill-għoġiela f'Betel, u l-ieħor qiegħdu f'Dan; u din il-ħaġa waqqgħet lil Israel fid-dnub. Il-poplu kien imur sa Dan biex iqim l-għoġol".

Is-santwarju kien jiksi żona ta' 60 b'45 metri, magħluqa b'ħajt u mdawwra bi kmamar. Dan ir-recint sagru kien ġie restawrat fis-seklu 9 q.K. mis-sultan Aħab, li bena «bamah», jew altar kbir fuq pedistall għoli (20 bi 18-il metru). Fi żmien Ġerobogħam II, fis-seklu 8 q.K., żdied taraġ monumentali fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-«bamah». X'aktarx li dan l-altar ifakkarna kif seta' kien l-altar tas-sagrificcji tat-tempju ta' Ġerusalemm. Il-«bamah» ta' Dan ġie meqrud meta Tiglath Pileser, sultan ta' l-Assirja, qered il-belt fis-sena 732 q.K.. Instabet iskrizzjoni li tgħid "lil alla li hu Dan". Hi prova li tidentifika dan il-post ma' Dan tal-Bibbja.


*Banias Għar ta' l-alla Pan*



# L-IMĦABBA TĦOLL KULL DNUB

*Dun Pawl Sciberras*

## Ġesù jilqa' midinba magħrufa (Lq 7,36-50)

Meta naqraw it-test mill-isbaħ tal-laqgħa ta' maħfra bejn Ġesù u l-midinba magħrufa, mill-ewwel nindunaw bi ħjata li hemm fih: il-ġesti tal-mara jidhru bħala l-kawża tal-maħfra li qalgħet – il-ġesti qalgħulha l-maħfra (vv.47a. 37-38. 44-46); il-parabbola ta' Ġesù turi li l-ġesti huma konsegwenza tal-maħfra (vv.47b. 40-43).

| Ġesti kawża tal-maħfra | Ġesti konsegwenza tal-maħfra |
|---|---|
| 47a Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, nħafrulha, għax ħabbet ħafna; 37 Issa fil-belt kien hemm midinba magħrufa. Din saret taf li kien qiegħed għall-ikel fid-dar tal-Fariżew; ġiebet važett ta' l-alabastru biż-żejt ifuħ; 38 u marret qagħdet warajh ħdejn riġlejh, tibki u xxarrablu riġlejh bi dmugħha u tixxuttahomlu b'xuxitha; imbagħad bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ. 44 Imbagħad dar lejn il-mara u qal lil Xmun: "Qiegħed taraha lil din il-mara? Dħalt għandek, u ilma għal riġlejja ma tajtnix, iżda hi riġlejja xarrbithomli bi dmugħha u xxuttathomli b'xuxitha. 45 Bewsa ma tajtnix, iżda hi minn xħin daħlet ma waqfitx tbusli riġlejja. 46 Rasi ma dlikthilix biż-żejt, imma hi dilkitli riġlejja b'żejt ifuħ. | 47b imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb. 40 Imma Ġesù qabad u qallu: "Xmun, għandi ħaġa xi ngħidlek." "Għid, mgħallem?" qallu dak. 41 "Tnejn min-nies kellhom id-dejn ma' wieħed li jislef il-flus; wieħed kellu jagħtih ħames mitt dinar u l-ieħor ħamsin. 42 Minn fejn iħallsu dejnhom ma kellhomx, u hu ħafrilhom it-tnejn. Min minnhom se jħobbu l-iżjed?" 43 Wieġeb Xmun u qal: "Jidhirli jien li dak li ħafirlu l-iżjed." "Ħsibtha tajjeb," qallu Ġesù. |



## 1. Dar, mejda

Dar u stedina għal ikla huma ċ-ċirkostanza tal-laqgħa li jirrakkonta Luqa. Wieħed Fariżew jistieden lil Ġesù għal ikla fid-dar tiegħu u Ġesù jilqa' l-istedina, japprezza l-ospitalità.
Ma nafux x'kienet l-okkasjoni, imma rridu nassumu li f'ambjent fejn kienet komuni ħafna li jsiru ikliet għal mistednin speċjali, faċli li Ġesù, protagonist kontemporanju interessanti f'tagħlimu, f'imġibtu, fis-sinjali li jagħmel, jirċievi stedina bħal din. Aktar tard insiru nafu li l-istedina ma kinitx daqstant mill-qalb, għalkemm il-Fariżew ma kienx ostili għal Ġesù.

## 2. Mara … midinba … magħrufa

Fil-kuntest ta' din l-ikla, jiġri xi ħaġa li taħsadna: tidħol mara hemm ġew u tibqa' sejra lejn Ġesù. Mhux l-iktar li daħlet hemmhekk jissorprendina, imma li tissogra tidħol mara daqstant "barranija" għal dak l-ambjent, daqstant mhix milqugħa f'dak l-ambjent, tal-Fariżew u tal-istil tal-ħajja tiegħu. Il-mara li daħlet f'dar il-Fariżew, waqt ikla li kien qiegħed jagħti f'ġieħ l-Imgħallem Ġesù, kienet "midinba magħrufa" (v.37). Tliet frażijiet (mara, midinba,

magħrufa) li Luqa juża għall-mod ta' ħajja ta' dik il-mara. Dak kien il-mod li bih kienu jafuha tant tajjeb; u li hi donnha kienet taf tant tajjeb ukoll. Dak kien fatt oġġettiv. Imma l-kuntrast bejn dak li kienet magħrufa bih u dak li fil-fatt kienet minn ġewwa se jkun indikat iktar tard f'wieħed mill-ġesti tagħha. Tidħol b'determinazzjoni kbira malli ssir taf li kien għall-ikel għand il-Fariżew. Iż-żejt prezzjuż li kellha magħha fil-vażett ta' l-alabastru, u wkoll il-fatt li kellha l-kuraġġ li tidħol hemm ġew u l-ġesti li għamlet, juru ċar u tond x'kienet tassew l-intenzjoni tagħha: riedet tasal għand Ġesù, biex tagħtih qima, kif setgħet u bil-mezzi li kellha għad-dispozizzjoni tagħha. Dawn il-mezzi użathom mingħajr ma qagħdet tkejjel, u bis-simboliżmu ta' dawk id-doni riedet toffri lilha nfisha. Fil-fatt il-vażett tal-alabastru huwa s-simbolu ta' dak li kienet hi tassew: l-alabastru jħalli jidher il-kontenut li hemm ġewwa fih!
Tisfida l-ġudizzji tal-oħrajn, titbaxxa f'riġlejn Ġesù mimdud għall-ikel, u minn warajh tibda xxarrablu riġlejh bid-dmugħ, tixxuttahomlu, tbushom u tidlikhom biż-żejt ifuħ. Imma kull pass li għamlet, kull ġest, kull azzjoni tagħha kienu mmirati biss lejn Ġesù … donnu ma kien jeżisti xejn u ħadd iktar f'dak l-ambjent! Għaliha, għall-mara midinba magħrufa, iċ-ċentru kien biss Ġesù.
Il-mara ma tlissen lanqas kelma waħda, imma titkellem ħafna bil-ġesti u bl-imġiba tagħha. Sa tmiem ir-rakkont tibqa' siekta, riservata, imma determinata sa l-aħħar fl-għotja tagħha u fil-ġesti. Ma tidher l-ebda preokkupazzjoni fuqha: zgur mhix preokkupata li taħbi la dnubha u lanqas l-imħabba tagħha fil-ġesti lejn Ġesù. Mhix preokkupata b'dak li jistgħu jgħidu l-oħrajn imma mitlufa biss fil-ġesti lejn Ġesù.
Waqt li kienet se tagħmel ġest ta' reverenza kbira lejn Ġesù, tinfexx f'kommozzjoni ta' bikja sinċiera mimlija ndiema u mħabba. Bi dmugħha nieżel iġelben, taħsel riġlejn Ġesù qabel tidlikhomlu biż-żejt ifuħ u prezzjuż. Luqa jżid fl-intensità tal-ġest. Mingħajr ma titfixkel bl-emozzjoni tagħha, tħoll xagħarha u tixxotta d-dmugħ minn fuq riġlejn Ġesù. Li mara tneħħi l-velu u tħoll xagħarha fil-pubbliku kien ġest li jġib diżunur kbir lill-mara. Imma hi tħalli r-rikonoxxenza lejn dak li taha l-maħfra u mħabbtu mill-ġdid tieħu s-sopravvent, mingħajr ma tiddejjaq x'jgħidu l-oħrajn u tagħti kas biss li Hu jifhem is-sens tal-ġesti tagħha.
Hi, bid-determinazzjoni li tasal għand Ġesù bil-ġesti tagħha, kienet qed turi li l-imġiba tagħha riditha tfisser iktar minn imġiba lejn regola, jew kmandament jew moralità, imma riditha tfisser relazzjoni għal kollox ġdida mal-persuna ta' Ġesù, li fih kienet diġà lemħet lil dak li jista' jibdilha għal kollox billi jaċċettaha kif inhi, bid-dnub u bl-imħabba tagħha. F'Ġesù riedet tagħraf xi ħadd differenti minn Xmun jew minn dawk li kienu madwar, jiflu u jiġġudikaw.

## 3. Maħfura

Nistgħu ngħidu li biex għamlet dak li għamlet, bilfors li lil Ġesù kienet iltaqgħet diġà miegħu jew semgħetu jitkellem, jew semmewhulha u riedet tiltaqa' miegħu. Allura l-ġesti tagħha, l-ilfiq tagħha, id-determinazzjoni tagħha, ma jitkellmux u ma jgħidux biss hi min kienet imma jgħidu ħafna wkoll fuq Ġesù: min kien dan li r-regoli kollha aċċettati mis-soċjetà jiġu sfidati u mogħtija



l-ġenb għalih? Dawk il-ġesti tagħha juruha bħala mara ħielsa għax ġiet meħlusa minn xi ħadd, minn Ġesù, f'xi laqgħa qabel fejn hu salvaha (imqar bi kliemu) gratwitament! Meta: ma nafux. Imma żgur li l-mod kif laqagħha kkonferma dak li kien Hu, dak li kien hemm f'qalbu għaliha.

## 4. Il-kuntest ta' qabel u ta' wara

Tajjeb li ninnutaw li f'Lq 7,18-35, il-kuntest ta' qabel ir-rakkont tagħna huwa dak ta' nies li kienu jmorru għand Ġwanni l-Battista biex jitgħammdu (v.29). Jista' jkun li l-mara kienet marret għandu u l-magħmudija tiegħu qanqlitha tersaq lejn Ġesù? Jista' jkun li l-mara hija waħda mill-midinbin li jirreferi għalihom 7,34 bħala ħbieb ta' Ġesù, u għalhekk ħassitha maħfura billi għamlitha miegħu? Il-kuntest ta' wara r-rakkont tagħna (8,1-3) wkoll jirreferi għal nisa li kienu ġew meħlusa mill-ispirti ħżiena u mard, li kienu jakkumpanjaw lil Ġesù fil-ministeru tiegħu. Jista' jkun kienet waħda minnhom?

## 5. Opri tal-Liġi jew fidi f'Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet?

Jidher li Luqa jiffoka fuq il-ġesti tagħha bħala sinjal, bħala konsegwenza tal-maħfra li diġà rċeviet.





*Ġesu jilqa' lil Midinba*

L-episodju ta' Pietru u Kornelju f'Atti 10,1-11,18 (miktub ukoll minn Luqa) huwa ċar ħafna fuq l-idea tal-indiema u l-konverżjoni. Mhumiex l-atti jew ġesti li jiksbu l-maħfra, l-indiema u l-konverżjoni: hija biss il-fidi f'Ġesù. Kornelju huwa deskritt bħala bniedem pagan imma li kien jagħmel ħafna atti tajbin u ta' min ifaħħarhom. Huwa deskritt hekk f'10,2: "Dan ir-raġel, flimkien mal-familja tiegħu kollha, kien bniedem sewwa u kellu l-biża' ta' Alla; kien jagħmel ħafna opri ta' karità mal-poplu u kien dejjem jitlob lil Alla." Safrattant, meta Luqa jerġa' jirrakkonta dik il-ġrajja, jdaħħal element ġdid u jgħid: f'10,33: "Għalhekk jien malajr bgħatt għalik (għal Pietru); u int għamilt sewwa li ġejt. Issa aħna qegħdin hawn ilkoll quddiem Alla, biex nisimgħu dak kollu li l-Mulej iridek tgħidilna." F'11,14: "hu jgħidlek kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha." F'Atti 10,43, Pietru jiddikjara li: "Il-profeti kollha jixhdu għalih (għal Ġesù) u jgħidu li kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu." Mhux il-fatt li kien bniedem sewwa u kellu l-biża' ta' Alla; li kien jagħmel ħafna opri ta' karità mal-poplu



*Il-Midinba taħsel saqajn Ġesù*

u kien dejjem jitlob lil Alla; mhux l-opri u l-ġesti, imma l-fidi f'Ġesù ġabu l-maħfra u l-indiema f'Kornelju u l-familja kollha tiegħu. Mhux il-ġesti tal-mara, qawwija kemm kienu qawwija, qalgħulha l-maħfra, imma l-fidi fil-maħfra tiegħu! Ġesù ma jlissen l-ebda kelma. Għalkemm għajnejn dawk kollha li kienu hemm kienu fuqu, hu ma jitkellimx, jibqa' kalm ħafna. Imma kien qiegħed jagħti ħafna kas dak li kienet qed tagħmel, għax il-ġesti tagħha kienu jfissru ħafna: lilha, midinba magħrufa, kien ħalliha tersaq lejh u tmissu; mhux biss ma kienx imbuttaha 'l bogħod minnu jew waqqafha, imma lanqas fittex li jiġġustifika dak li kienet qed tagħmel.

## 6. Profeta … jew iktar?

Ir-reazzjoni ta' Xmun (u naturalment ta' kull min kien hemm ġew) kienet ta' skandlu, mhux tant għall-imġiba tagħha (kienet midinba magħrufa, x'tistenna!) imma ta' Ġesù! Il-mod kif kien qiegħed iġib ruħu hu, kien żgur sinjal li ma kienx profeta, għax kieku kien jinduna x'mara kienet! Imma kien hemm bżonn tkun profeta biex tinduna u tkun taf li kienet


*Il-Festa fid-dar ta' Xmun*



midinba, la kienet magħrufa bħala hekk? Imma ridt tkun profeta tassew biex tinduna li dak li kienet qed tagħmel il-mara kien sinjal ta' bidla tassew kbira, ta' akkoljenza ta' dak li kien qed jagħmel Alla magħha, ta' bniedma li tassew għarfet min kien tassew Ġesù.
Dak li lissen biss bejnu u bejn ruħu Xmun u ta' madwaru: "Dan, li kien profeta, kien ikun jaf min hi u x'mara hi din li qiegħda tmissu; kien ikun jaf, għax hi midinba!" (v.39) huwa mod ironiku ħafna li juża Luqa. Ma kellux bżonn ikun profeta biex ikun jaf min hi u x'mara hi, imma ried ikun tassew profeta biex jinduna x'kien hemm tassew f'qalbha, u min tassew kienet, mara mhux aktar midinba imma niedma, ħielsa u mfejqa!
Għax kien tassew profeta, Ġesù kien qiegħed jara mara li ħakmet il-grazzja u l-imħabba ta' Alla; ħaddieħor kien qiegħed jara biss il-mara ta' qabel, il-mara li għamel minnha ħaddieħor.
Luqa, fis-suspetti ta' Xmun, qiegħed jagħmel ħaġa oħra: iqajjem suspett ieħor fina li naqraw il-ġrajja miktuba ispirata, mistoqsija fundamentali – min hu tassew dan Ġesù? Xmun jara li mhux profeta; il-mara tara fih ferm iktar minn hekk; aħna nħarsu minn barra x-xena u nibdew naqbdu ħjiel li wkoll huwa iktar minn hekk. Aktar tard, fil-v.49, dawk preżenti għall-ġrajja jistaqsu: "Dan min hu biex jaħfer id-dnubiet ukoll?" Inħallu l-mistoqsija mdendla għal issa, għax se ningħataw tweġiba fl-aħħar!

## 7. Bidla fil-punt ta' l-attenzjoni: Xmun

Wara deskrizzjoni fina tal-ġesti tal-mara, Luqa jitfa' l-ispotlight xi mkien ieħor. Qisu jħalliha ftit fil-ġenb biex jiffoka fuq angolu ieħor, fuq persuna/i oħra. Fiċ-ċentru jiġi Ġesù ma' Xmun il-Fariżew. Tiġri xi ħaġa oħra, li fil-fatt tokkupa l-bqija (u l-parti l-kbira tar-rakkont): s'issa Ġesù kien sieket, u Xmun tkellem miegħu nnifsu. Issa Ġesù jibda jitkellem u jitħaddet ma' Xmun. Il-mara kienet spontanja fil-ġesti tagħha; Xmun huwa donnu riservat ħafna; iktar qisu josserva u jiġbed il-konklużjonijiet f'qalbu. Kien baqa' skandalizzat mhux l-aktar bl-imġiba tal-mara imma bil-mod kif Ġesù ma ndunax min kienet dik il-mara. Imma ħsibijietu ma qasamhomx ma' Ġesù ("l-Fariżew li stiednu qal bejnu u bejn ruħu" - v.39). Jidher ċar x'qiegħed jagħmel l-evanġelista bejn il-mara u Xmun: il-mara tintlaħaq fil-ġewwieni tagħha għax taqsam ma' Ġesù dak li kienet tħoss u kien hemm f'qalbha għalih mingħajr ma' Ġesù hemm għalfejn jgħid xejn; Xmun ma jintlaħaqx jekk mhux b'parabbola (mekkaniżmu ta' ħsieb u ġudizzju fuq sitwazzjoni maħluqa f'forma letterarja enigmatika) għax hu jibqa' magħluq fih innifsu fi ħsibijietu u fil-ġudizzji tiegħu, u minħabba f'hekk lanqas il-grazzja ta' Alla fil-konverżjoni tal-mara midinba magħrufa li ra sseħħ quddiemu ma tista' tinfdu. Xmun jingħalaq għall-grazzja ta' Ġesù imma Ġesù ma jridx jingħalaq għal Xmun. U jieħu l-inizjattiva hu! Issa Ġesù jidħol fi ħsibijietu u jindirizzahom b'parabbola: forma letterarja ta' tagħlim imħaddem ħafna mill-imgħallmin Lhud, forma li se tgħinu l-ewwelnett jifhem.
Imma fil-fatt biss li Ġesù jagħti kasu, u jindirizzah



b'mod tal-mestier tiegħu, juri li anke Xmun hu importanti għal Ġesù, anke hu għandu bżonn is-salvazzjoni tiegħu, u lest jiltaqa' miegħu skont is-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi tiegħu. Il-parabbola hija forma ta' storja maħluqa djaloġika-argumentattiva (mhux xi rakkont ta' fatt storiku), meħuda mill-ħajja ta' kuljum, imma li għandha l-għan speċifiku li twassal lil min jismagħha jieħu pożizzjoni, jagħmel ġudizzju, speċjalment fuqu nnifsu, l-iktar fuq issues li dejjem ħadhom for granted imma li l-parabbola trid theżżeż! Ġudizzju li jinbet minn tgħarbil intelliġenti u sinċier tal-kuxjenza.

## 8. Parabbola

Is-sid jiddeċiedi li jaħfer id-dejn sħiħ ta' żewġ debituri tiegħu għax huma ma kellhomx minn fejn. Id-deċiżjoni tiegħu hija ppreżentata bħala fatt, mingħajr xi kunsiderazzjoni ta' mertu jew ġudizzju dwar xi wieħed mid-debituri: somom differenti maħfura lit-tnejn. Imma r-rikonoxximent, il-gratitudni għal dik il-maħfra miż-żewġ debituri tiddependi għal kollox mill-ġudizzju li jagħmel kull wieħed mit-tnejn fuq is-sitwazzjoni tiegħu: ma kellix minn fejn; ma għamilt xejn jien biex jinħafirli d-dejn tiegħi; lanqas biss tlabt li jinħafirli; kollox hu inizjattiva tal-qalb tajba u l-bona volontà tal-kreditur!

Min sema' l-parabbola, l-aktar Xmun, jikkonkludi ma' Ġesù li l-għażla tal-kreditur li jaħfer liż-żewġ debituri, għal kollox gratwita għax m'hemm l-ebda kondizzjoni imposta jew murija mid-debituri, mhix għal kollox paradossali. Li Xmun fehem li dak li nħafritlu l-akbar somma jħobb iktar lis-sid, hija l-punt li Ġesù jrid iwassal għalih lis-semmiegħa tiegħu.
Il-qalb kbira tas-sid timbuttak jew tħajrek tħobbu iktar u tassew.

## 9. L-applikazzjoni tal-parabbola

Interrogat minn Ġesù dwar il-parabbola, Xmun iwieġeb u t-tweġiba tiegħu timpenja mhux biss l-għarfien f'dak li jaf, imma wkoll l-użu tajjeb ta' l-intelliġenza tiegħu f'illi jiżen l-affarijiet, jagħżel. Xmun jirrappreżenta lil kull min jaqra l-Kelma ta' Alla: min jaqraha ma jridx biss jikseb tagħrif ġdid għax tgħallem ngħidu aħna parabbola oħra, ġrajja oħra fil-ħajja ta' Ġesù, imma wkoll irid jgħarbel il-ħajja tiegħu stess. L-istorja, il-parabbola, il-ġrajja tgħarbel lilu: fl-istorja, fil-parabbola, fil-ġrajja jaqra l-istorja u s-sitwazzjoni tiegħu stess!
Ġesù jikkonferma l-ġudizzju tajjeb li għamel Xmun dwar il-parabbola: " [42b]"Min minnhom se jħobbu l-iżjed?" [43]Wieġeb Xmun u qal: "Jidhirli jien li dak li ħafirlu l-iżjed." "Ħsibtha tajjeb," qallu Ġesù". Issa Ġesù jista' jgħin lil Xmun jgħarbel is-sitwazzjoni tal-mara quddiemu u f'daru b'iktar oġġettività (jaqra dak li hemm ġol-vażett minn ġewwa), u li fuqha kien diġà għadda l-ġudizzju fuq Ġesù ("ma jistax ikun profeta") u fuq il-mara stess ("mara midinba bħalha"). Minn hemm ikun jista' jgħarbel is-sitwazzjoni ta' ħajtu b'aktar trasparenza u oġġettività (bħal fil-vażett tal-alabastru) ... u jieħu deċiżjoni!
Luqa jinnota l-moviment fiżiku ta' Ġesù … biex jiġbed l-attenzjoni għal dak li għaddej fil-qlub ta' dawk preżenti hemm ġod-dar ta' Xmun, u dawk preżenti quddiem l-evanġelju fil-qari tiegħu: Ġesù jdur lejn il-mara, il-mara li "daret" lejn Ġesù u lejn Alla, Xmun mistieden "idur" lejn il-qalb ta' Alla wkoll ... u aħna?!
Il-kelma bil-Grieg għal "iddur" hija l-istess verb għal "tikkonverti" ... con-vertere iddur lejn!
Ġesù jdur lejn il-mara u jistieden lil Xmun (u lil dawk preżenti u lilna ...) jdur lejha wkoll (billi l-ewwel idur fiżikament ħa jaraha): "Qiegħed taraha lil din il-mara?" (v.44)
Ried jgħidlu: "Qed tara b'liema libertà imlietni bl-attenzjoni u l-imħabba tagħha? Tagħraf minn fejn setgħet ġabitha dik il-libertà? Tagħraf li, bħad-debituri tal-parabbola li għaliha għadek kemm weġibt tajjeb inti stess, din il-mara tħossha tant maħbuba minn min diġà ħafrilha ħafna?"
Xmun il-Fariżew isir f'dan l-istadju ermenewta (wieħed li jinterpreta) tas-sens, tas-sinifikat, tal-ġesti wieħed wieħed tal-mara kif iddeskrivihomna l-awtur. Imma fuq kollox issa jista' jfisser, fid-dawl tal-parabbola (min minnhom iħobbu l-iktar? ... dak li ħafirlu l-aktar!), ir-raġuni fil-fond fil-fond għala għamlet dak kollu li għamlet ... u fuq kollox fejn qiegħdha qalbha issa!
Jekk il-ġesti tagħha flimkien huma sinjal ċar u jgħajjat tal-gratitudni lejn Ġesù u l-imħabba fil-maħfra li wrieha, allura huma sinjali tal-għarfien li ġiet milqugħa mill-ġdid, imma wkoll li issa hi stess tista' tilqa' lil dak li ħafrilha, ħabbha u laqagħha lura ġo qalbu. Issa hi ħadet post Xmun: hu lil Ġesù daħħlu biss f'daru imma ma laqgħux kif kellu jilqgħu;
hi, l-mara midinba magħrufa, saret il-vera hostess ta' Ġesù ġo fiha u f'ħajjitha, u ta' dak kollu li għamel magħha.
Din kienet il-bidla ("dawra") l-kbira li ġab fiha Ġesù: issa tista' tħobbu tassew, b'libertà li għamlitha tassew sħiħa.
Fir-rakkont ta' Kornelju, li jgħin biex nifhmu minn

fejn tiġi l-maħfra, il-Lhud infushom, li qabel kienu ħaduha kontra Pietru għax daħal għand u kiel mal-pagani, jistqarru: "“Mela Alla lill-pagani wkoll tahom l-indiema li twassal għall-ħajja!”" (11,18) permezz tal-fidi f'Ġesù (10,43)! Atti 15,9: "Saffielhom (lill-pagani) qalbhom bil-fidi" – hija d-dikjarazzjoni ta' Pietru quddiem il-Knisja ta' Ġersualemm fis-Sinodu, b'referenza ċara għall-episodju ta' Kornelju u l-familja kollha tiegħu, fejn l-opri tal-Liġi kienu qegħdin jiġu diskussi!

| | |
|---|---|
| Xmun stieden lil Ġesù għandu | Ġesù laqa' bil-qalb l-istedina tiegħu u daħal għandu |
| Ġesù laqa' mill-ġdid għandu lill-mara midinba | Il-mara tilqa' bil-qalb l-istedina ta' Ġesù u terġa' lura għandu b'ħafna gratitudni |



| | |
|---|---|
| Xmun ma jagħrafx biżżejjed l-imħabba ta' Ġesù meta laqa' l-istedina u daħal għandu, u ma kienx host kif kellu jkun | Il-mara midinba tagħraf tajjeb l-imħabba gratwita ta' Ġesù u hi ssir hostess tajba ħafna tiegħu |
| Xmun jiġi mistieden isir host ta' Ġesù u jitgħallem minnu x'jiġifieri tkun host | Il-mara diġà saret hostess ta' min ifaħħarha |
| Xmun iħares lejn kollox mil-lenti ta' host li ma jafx tajjeb x'jiġifieri tkun host | Il-mara qrat kollox bil-lenti ta' x'jiġifieri tkun hostess ta' Ġesù li laqagħha għandu u għallimha Hu kif tkun hostess |

- Xmun fil-mara ra d-dnub – il-važett minn barra biss;
- Ġesù fil-mara ra l-gratitudni u l-apprezzament għall-maħfra li taha - il-fwieħa minn ġo l-alabastru tal-važett – il-ġesti-sinjal tal-gratitudni lejn il-maħfra li taha.

Fil-bidu, Xmun, il-mara, u aktar tard dawk preżenti għax-xena kollha, aħna ... konna lkoll quddiem mistoqsija: "Dan min hu?" Fil-vv.47-48, Ġesù jgħid li lill-mara nħafrulha ħafna ħtijiet. Il-verbi (aphiōntai u aphietai) huma fil-passiv (teoloġiku): huwa Alla wara l-azzjoni tal-maħfra. U Alla xejn ma jżommu milli jaħfrilha permezz ta' dak li "ġie jfittex u jsib lill-mitluf" (Lq 19,10). Dan min hu, li jista' jkun daqstant qrib ta' Alla –li waħdu jista' jaħfer id-dnubiet– biex dnub din il-mara jinħafru permezz tal-fidi fih, għax hu jiddikjara dnubietha maħfura? Dak li "mhux profeta" … għax hu ikbar minn hekk, huwa dak li Alla permezz tiegħu jaħfer id-dnubiet u jsalva lill-bnedmin. Huwa hu Alla nnifsu!



## 10. Konklużjoni

Tilqa' lil Ġesù mhux biss billi toffrilu d-dar imma tilqgħu tassew ġewwa fik … u tilqa' dak li jista' jagħmel għalik! Tagħtih mhux xi ħaġa, imma lilek innifsek. Jekk fil-Bibbja l-maħfra u l-ħniena huma mxebbha mal-ġuf (bil-Lhudi raħamim) li joffri spazju f'Alla għal min idur lejh, il-mara sabet l-ispazju ġol-qalb ta' Ġesù biex terġa' ssir hi, u tagħraf dik l-imħabba.

Xmun jiġi mistieden isib hu wkoll l-ispazju fil-ġuf tal-ħniena ta' Ġesù, u jagħmel spazju għal Ġesù mhux biss fid-dar tiegħu imma f'qalbu wkoll.

Il-maħfra u l-indiema jfissru mhux l-aktar li INTI tgħid ħtijietek, imma li tħalli lil ĠESU jibdilhom fik fi mħabba tiegħu.



# L-IMPENN TA' ĠESU FAVUR IL-BATUTI (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Luqa huwa l-evanġelista soċjali; aġġettiv li jaqbel tassew meta wieħed jagħmel il-kritika nterna. Fil-ħsieb u fil-fond tal-qalb ta' Luqa, Ġesù huwa dak li jsejjaħ henjin il-fqar (Lq 6,20), u fl-itess waqt jitkellem tant iebes fejn jidħlu l-għonja. "Ħażin għalikom, intom l-għonja" (Lq 6,24). Hawn Ġesù qed jagħmel sejħa profetika qawwija; stedina għal proprejtarji biex jużaw sewwa l-ġid tagħhom u jagħmlu karità: "Mela agħtu karità minn dak li

hemm ġewwa u taraw kif kollox ikunilkom nadif" (Lq 11,41).

## Stedina għaċ-ċaħda

F'tifsira aktar wiesgħa Ġesù qed jordna biex wieħed jitlaq ġidu kollu (14,33), ibigħ kull ma għandu u jagħtih lill-foqra (18,22). Din l-istedina hija indirizzata lil dawk li jridu jersqu l-aktar fil-qrib ma' Ġesu. Ma tistax tkun dixxiplu ta' Ġesù jekk wieħed ma jirrinunzjax għall-ġid proprju tiegħu, inkluż ir-rabtiet ta' mal-familja (18,28-30). Imma minn barra dan iċ-ċirku ta' dawk li jridu jimxu wara Ġesu, din l-istedina ddur ukoll fuq il-bnedmin kollha. L-eżortazzjoni ġejja mill-ambjent ta' Luqa u dan sabiex waqt ikla ma tistedinx lill-familjari u anqas ġirien għonja imma "lill-foqra, il-magħtubin, iz-zopop , u l-għomja" (14,12), hija stedina magħmula lilll-kulħadd, b'mod speċjali lis-sinjuri.
Il-kritika qawwija lill-għani msemmi fil-parabbola tal-għani u Lazzru, hija ndirizzata lill-bnedmin kollha mingħajr ebda restrizzjoni. It-tagħlim dwar it-tezori li wieħed għandu jiġmà mhux le f'din id-dinja imma fis-sema (Lq 12,33), taqbel perfettament mal-kliem meqjus; "Ma tistgħux isservu lil Alla u lill-flus" (Lq 16,13; Mt 6,24). Dejjem skont Luqa, iċ-ċaħda sħiħa għal dak li wieħed jippossjedi, it-theddid ta' tkeċċija mis-saltna t'Alla (18, 25), dawn jiġu ssiġillati sew fil-predikazzjoni ta' Ġesù; anzi huma rikjesti l-aktar meħtieġa biex wieħed jidħol fis-saltna.
Dawn it-talbiet hekk radikali, Ġesù bosta drabi jindirizzahom lid-dixxipli tiegħu; dawn kellhom ikunu ta' tip u mudell għall-komunità Kristjana. Huwa proprju għalhekk li bosta drabi Ġesu jdur fuq il-komunità u jgħidilha: "Le merħla ċkejkna, tibżgħu xejn, għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-Saltna! U dritt wara jkompli; "Biegħu ġidkom u agħtuh karità u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux..." (Lq 12,33). Aktar 'l isfel imbagħad, fil-parabbola tal-qaddej fidil u dak ħazin Pietru jistaqsi lil Ġesù: "Din il-parabbola qiegħed tgħidha għalina jew għal kulħadd" (Lq 12,41). Il-kuntest huwa ċar; Ġesu jindirizza lill-mexxejja responsabbli mill-komunità.

## Il-foqra

Biex wieħed jifhem il-ħsieb ta' Luqa f'relazzjoni mal-predikazzjoni ta' Ġesù wieħed għandu iżomm f'moħħu ċar minn huma l-foqra *ptohoi*. Din il-kelma Luqa jiktibha għaxar darbiet u dejjem ifisser dawk li materjalment huma foqra, neqsin mill-meħtieġ, mela tallaba. Fil-beatitidni dwar il-foqra (Lq 6,20), u dan f'kuntrast mal-għonja (Lq 6,24), wieħed hawn jifhem faqar li jġib l-ġuħ u d-dmugħ. F'Mattew din l-istess beatitudni, tiġi mqiegħda f'kuntest reliġjuż. Huma dawn il-foqra li joqogħdu b'mod sħiħ għar-rieda t'Alla, billi jqiegħdu fih it-tama sħiħa tagħhom. Fuq l-istess livell hemm ukoll dawk

li jibku imma jiġu kkonslati; dawk ta' qalbhom ħelwa u li għad jirtu l-art, jiġifieri s-saltna t'Alla (Mt 5,3-6). F'dan l-istess ħsieb hemm it-twissija għall-ħajja magħquda m' Alla; mela bnedmin ta' ħniena, dawk li jġibu l-paċi, u li jsofru persekuzzjoni għall-imħabba tal-ġustizzja.
Dawk li bħal issa għandhom il-ġuħ u jibku, fil-ġejjieni għad ikunu mxebbgħin u jidħku fiż-żmien li ġej, dak li jġib Alla miegħu, jeħles id-destin tal-foqra u ta' dawk li jbatu hawn fuq l-art jibku. Din it-tħabbira ta' salvazzjoni lill-foqra, tingħata flimkien mal-ħelsien lill-ħabsin, id-dawl lill-għomja, nifs ta' hena lil dawk maħqura. Il-bidla li se ssir bejn dawn ta' din id-dinja fis-saltna futura għandha l-fundament tagħha fil-Manifikat: "Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn" (Lq 1,53). Fl-istess ħin kemm il-beatitudni kif ukoll is-saħtiet għandhom bħala għan il-ħarsa eskatoloġika. Dejjem fil-Vanġelu ta' Luqa, ma hemm qatt ebda idea ta' xewqa ta' kastig, imma u dan jgħodd kemm għall-propjetarji kif ukoll għal għonja u dawk potenti, hemm sejħa qawwija għal konversjoni. Mill-Vanġelu jidher sew kemm Luqa baqa' marbut waħda sew mal-predikazzjoni ta' Ġesù fejn jitkellem dwar il-mistednin għat-tieġ. Luqa jikteb li f'okkażjonijiet bħal dawn wieħed ma għandux jistieden il-familjari, l-għonja, daqskemm il-foqra, magħtubin, zopop u l-għomja (Lq 14,12-14). Meta wieħed jiftakar li dawn il-kwalitajiet ta' nies bħall-imġiddma kienu meqjusin imniġġsa, mela ta' min iwarrabhom u jaħrabhom, kliem Ġesu għandu tassew qawwa. Li wieħed iħejji ikla għal dawk li huma mwarrbin mis-soċjetà, dan jaqbel mat-tgħlim dwar l-imħabba tal-proxxmu.

Biex wieħed jifhem aktar dawn il-fqar wieħed għandu jżomm f'moħħu l-istat meskin ta' dawn il-morda u l-batuti. Huma qegħdin fuq l-istess livell ta' dawk zopop, għomja u mifluġa (Lq 14,13.21). U dan għaliex il-faqar laqathom tant li waslu fi stat li jittalbu bil-kbir. Dawn it-talin li ma setgħux jipprovdu għalihom infushom, kienu jgħixu mill-mejda tal-fqar. Biss fi żmien Ġesù ma kien hemm ebda organizzazzjoni serja dwar dan.
Fin-nuqqas tal-għajnuna pubblika lill-foqra, kien hemm xi forom ta' għajnuna oħra imma din privata, u dan kien meħtieġ tassew. Ġesu għamel stedina qawwija ħafna fejn tidħol il-karità-għajnuna. "Bigħu ġidkom u agħtuh karità u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux". (q 12,33). Il-kap tal-publikani Żakkew, meta ddeċieda li jagħti nofs ġidu lill-foqra (Lq 19,8) kien qed jimxi fuq din l-istedina ta' Ġesu. Ġesù kkritika b'mod l-aktar aħrax għal mod legalistiku li bih kienu jimxu l-Fariżej, għax dawn kienu mitlufin fil-ħasil minn barra tal-ktieli, borom u platti, biex imbagħad minn ġewwa mimlija serq u xeħħa. "Mela agħtu karità minn dawk li hemm



ġewwa u taraw kif kollox ikunilkom nadif" (Lq 11,41). Luqa kiteb ukoll l-eżempju ta' dik il-mara fqira li tefgħet is-sehem tagħha fit-teżor tat-tempju (Lq 21, 1-4; Mk 12, 41-44). Għall-evanġelista Luqa l-faqar huwa stat li jgħakkes waħda sew lill-bniedem. Għalhekk wieħed għandu jagħmel ħiltu biex itaffih billi jgħin mill-ġid li jkollu. Ġesu stess kien jagħmel parti miċ-ċetu tal-fqar, u bil-mirakli tal-fejqan tiegħu, wera kif wieħed jista' jgħin lil dawn il-fqar. Il-faqar iwassal għall-mewt; hekk per ezempju kienu dawk l-imġiddmin; Imma Ġesu lil dak ir-raġel marid sewwa bil-lebbra" fejqu dritt (Lq 5,12). Lażżru, raġel fqir, mixħut fuq l-għatba tal-bieb, mimli ċraret kien tassew qrib il-mewt. Imma wara mewtu l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham.

Luqa aktar mill-evanġelisti l-oħra sħabu għamel għażla favur dawk foqra. Għalih huma l-magħżulin ta' Alla, li għad ikollhom sehem fis-saltna futura. Meta pparagunati ma' dawk għonja, l-foqra jiġu mgħollija 'l fuq u dan grazzi għall-imħabba t'Alla lejhom (Lq 16,22). Hekk Luqa jsir il-prekursur ta' privileġġ għall-fqar. Dan fil-verità wieħed jarah fl-ewwel snin tal-Kristjanezmu, speċjalment fl-ittra ta' Ġakbu: "Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-saltna" (Ġak 2,5).

## Il-għonja

Luqa jiddedika aktar tagħrif dwar il-għana milli lejn il-faqar, avolja bejniethom hemm rabta reċiproka. Minn dak li ħalla Luqa fl-evanġelju, wieħed jiltaqa ma numru ta' ħażin għalikom il-għonja(Lq 12,24), il-parabbola tal-bidwi li stagħna ħafna (12,16-21),



id-diskors dwar l-ikliet kbar u bil-ħala (14,12-14), il-parabbola tal-għani u Lazzru (l16,19-31), u l-episodju tal-kap tal-publikani Zakkew (19, 2-10).
Kif jiġu deskritti l-foqra? Wieħed jissopponi li jkollu ħafna ġid materjali, fuq kollox beni mmobbli. Ma' dawn hemm dawk li għandhom ħafna proprejtà, kummerċ wiesà tassew, u kuntratturi dwar xogħlijiet. Luqa ma jiteressahx wisq minn fejn ġie il-ġid, imma jħares lejn l-imġiba ta' dak li huwa għani. Luqa huwa aktar minn ċert li l-għana hija kawża ta' xeħħa kbira (12,15). Barra dan l-għani jkompli jaħseb u jerġa' jaseb ta' kif ikompli jiġma' l-ġid (8,4; 12,19). Aktar ma għadu, dejjem irid aktar.
Il-għana twassal għall-inġustizzi, il-għonja dejjem iridu is-siwi ta' kollox; iridu minn ifaħħarhom u junurahom (14,7-10). Fost il-ħażin għalikom ta' Ġesu hemm ukoll din : Ħażin għalikom meta kulħadd isemmikom fil-ġid. Għax l-istess għamlu missirijietkom lill-profeti foloz" (6,26). Ġesu jagħmel enfasi qawwija fuq "l-għonja", fuq il-konsegwenzi koroh li joħorġu (26,25) u speċjalment għaliex dawn ġew ħafna f'ilsien in-nies (26,26).
Il-perikli li joħorġu mill-għana u dan biex wieħed isalva ħajtu huma bosta; ħajja f'lussu kbir (12,19), id-disprezz tal-foqra (16,20), l-ambizzjoni u l-għira (14,7), l-arroganza (14,16-2). Il-għana twassal biex wieħed iwarrab 'l Alla u jingħalaq waħda sew għas-sejħa li jagħmillu l-Mulej (18,22). Il-għana tant hija ta' dannu li l-għonja xejn mhu faċli għalihom li jidħlu fis-saltna t'Alla u dan għaliex "eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla" (Lq 18,25). Biss hawn ukoll wieħed għandu jagħmel għażla u attenzjoni. Qatt ma għandha issir kundanna bħala tali għal dak li wieħed jippossjedi, imma għall-vjolenza, għall-ħtif, għall-korruzzjoni u għall-inġustizzi li jtaqqlu sew fuq minn jippossedihom.
Luqa jkompli jgħallem dwar l-onestà fin-negozju ta' din id-dinja. Iwissi bil-qawwa biex wieħed jamministra bil-għaqal dak kollu li ġie fdat f'idejh. L-insistenza biex wieħed ikun fidil fil-ftit hekk imbagħad jiġi afdat fil-wisq jitfa' dawl fuq il-komunità biex din tħaddem bil-għaqal il-flus li jiġu fdati f'idejjha. Il-ħażen tal-"mammona" jiġifieri flus jiġi kkuntrastat mal-għana vera; kif ukoll wieħed għandu juri u jagħmel attenzjoni speċjali wkoll fil-ġid ta' ħaddiehor: "U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom dak li hu tagħkom?" (Lq 16,12). It-taqsima sħiħa li hemm bejn il-versi 9-13 huwa tagħlim ċar, qawwi u konċiż ta' kif wieħed jagħmel użu tajjeb mill-fus u mill-ġid kollu l-ieħor ta' din l-art. Hawn jidher li l-enfasi qiegħda fuq il-mod ta' kif wieħed jamministra sew il-ġid li jkollu. Is-sentenza tal-għeluq, "ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus" (Lq 16,13) tfisser li wieħed għandu jagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu.

*Żakkew*






# IL-VIA DOLOROSA

*P. Twanny Chircop ofm*

"Meta twieldet eżattament ir-Triq tas-Salib? Din hi domanda li mhux faċli li wieħed jirrispondiha. Dan minħabba l-fatt li din id-devozzjoni, kif waslet lilna illum, hija riżultat ta' proċess twil u li huma mdaħħlin fih Ġerusalemm u l-Ewropa.

Ma hemmx dubju li l-Via Dolorosa taf il-bidu tagħha lill-ewwel insara, influwenzati mill-liturġija li tiġi attwalizzata mir-rakkonti Bibliċi. Huma kienu dawk li għenuna nħarsu u nixħtu l-ħarsa tagħna lejn l-aħħar episodji fil-ħajja ta' Ġesù. L-ewwel insara riedu jagħmlu

t-tifkira tagħhom fil-post oriġinali, fl-ambjent oriġinali. B'hekk wieħed jgħix, fl-ambjent u klima oriġinali tal-ġrajjiet, u jsir parteċipi mis-sofferenzi ta' Kristu (1Pt 4,13; 2, 21) "Imma ifirħu, għax b'hekk intom qegħdin tissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu. Għal dan intom kontu msejħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu." Il-kumplament għamlitu l-Ispiritwalità medjevali, sensibbli għall-umanità ta' Kristu u għas-sofferenzi tal-Iben ta' Alla. Permezz ta' dan l-insara rċevew stimolu (qawwa) biex jimxu wara Ġesù fit-triq tas-salib, jimmeditaw il-ġrajjiet tal-Passjoni, biex jimitaw fil-ħajja ta' kuljum l-eżempju tas-Salvatur tagħhom.

## Storja qasira tal-Via Crucis

Sa mill-ewwel żmenijiet l-insara għamlu minn kollox biex iżommu ħajja ġewwa Ġerusalemm it-tradizzjoni tal-passjoni ta' Kristu anke jekk f'mod differenti minn dik tal-lum.
Lejn l-aħħar tar-IV seklu (381-384), il-pellegrina spanjola, Egeria żaret l-Art Imqaddsa f'pellegrinaġġ. Mid-djarju tal-vjaġġ li żammet naqraw li fi ġranet tal-ġimgħa u tas-sena l-insara tal-post kienu jmorru fuq il-postijiet marbuta mal-grajjiet tal-fidwa. Fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira, il-fidili (l-insara), flimkien ma' l-isqof tagħhom, kienu jagħmlu purċissjoni lejn il-postijiet qaddisa tal-



passjoni ta' Ġesù; wara li joħorġu mill-Imbomon (dan huwa bini fuq il-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ li jfakkar it-tlugħ fis-sema tal-Mulej) jinżlu l-Ġetsemani fejn, permezz tal-qari tal-vanġelu, kant u talb, kien jiġi mfakkar l-arrest ta' Ġesù. Minn hemm il-purċissjoni kienet taqsam il-belt sal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fejn kienu jsiru iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali (Itinerarium 36). Wasal għandna tagħrif simili permezz tal-Lezzjonarju Armen (V seklu).

Iż-żmien tal-Kruċjati hu tappa importanti oħra fil-formazzjoni tal-Via Crucis. Il-Kavallieri, ġejjin mill-pajjiżi Ewropej, wara li rebħu lura l-belt ta' Ġerusalemm, bdew isaħħu l-memorja tal-postijiet qaddisa, kemm dawk veri u dawk li kienu jaħsbu li kienu hemm, marbuta mal-ħajja ta' Ġesù u b'mod partikulari mal-passjoni. It-tifkira f'dawn il-postijiet bdiet, bil-mod il-mod, issir aktar ħajja u bdiet tieħu xejra ta' mixja ta' stazzjonijiet.

Lejn is-sena 1294, id-dumnikan Ricoldo di Monte Croce, fil-kronaka tiegħu tal-vjaġġ li għamel fl-Art Imqaddsa, jgħid għall-ewwel darba li l-pellegrini kienu jagħmlu l-istess triq li mexa Ġesù fl-aħħar jum ta' ħajtu; mill-post fejn ġie kkundannat sal-post fejn ġie msallab u midfun ġewwa qabar. Kienu l-Kruċjati li ġabu dawn it-tradizzjonijiet mill-Art Imqaddsa għall-Ewropa. L-insara ta' dak iż-żmien kienu




GST/ PIA
VERONICA
FACIEM
CHRISTI
LINTEO
DETERCI

fuq kollox interessati dwar il-ġrajjiet tal-passjoni ta' Kristu, f'sintonija mal-ispiritwalità tal-medju evu. L-iżvilupp ta' forom reliġjużi ġodda kienu jiffavorixxu diversi devozzjonijiet li nxterdu prinċipalment fit-territorju ġermaniku u tal-pajjiżi baxxi, bħalma kienu 'Is-Seba' waqat ta' Ġesù', 'Il-mixjiet ta' tbatija ta' Ġesù' jew 'Pellegrinaġġi Spiritwali'.

Il-Kanonku Bartilmew ta' Pola, huwa l-awtur ta' librett devozzjonali importanti, ippubblikat fl-1475, li jxerred id-devozzjoni lejn il-hekk imsejħin 'Seba' Maħfriet', talbiet penitenzjali li kienu jingħadu f'kull stazzjon. In-numru 7 ma kienx għażla bl-addoċċ; fil-fatt 'sebgħa', fil-Bibbja, jidher bħala simbolu ta' dak li hu sħiħ u perfett (ara Ġen 1,3-2,3, Eż 12,15-20, 1Slat 7,38b, Ġob 5,19, Prov 24,16). It-test miktub mill-kanonku Taljan, maqlub għall-Latin, kien l-ispirazzjoni għal opri oħra fuq l-istess stil li nfirxu b'mod qawwi fl-Ewropa kollha.

Fit-tieni nofs tas-seklu sittax l-iskema fissa ta' seba' stazzjonijiet-waqgħat kibret għal tnax. B'dan il-mod ġew miżjuda mal-'waqgħat' ġrajjiet oħra mill-ħajja ta' Ġesù, b'tali mod li flimkien kienu jagħmlu enfażi fuq l-importanza li wieħed jimxi wara Ġesù fit-triq tas-Salib u li jingħaqad spiritwalment mal-passjoni tiegħu. Eżempju ta' dan, ta' din it-tendenza l-ġdida, huwa mogħti lilna minn il hekk imsejjaħ 'Pellegrinaġġ Spiritwali' (stampat fl-1563) li fih, il-karmelitan Belġjan Johan van Paesschen (Jean van Paschen) ippropona ordni fil-Via Dolorosa mhux ħafna differenti minn dak li għandna illum (l-akbar differenza tirrigwarda iż-żmien: kull stazzjon kien jikkorrispondi ma' ġurnata). Il-forma twila (longa Via Crucis) kienet tiġbor fiha 15-il stazzjon, filwaqt li dik ġenwina (vera Via Crucis), bl-ewwel tliet stazzjonijiet mħollija barra, kien fiha 12-il stazzjon:

1. L-arrest fil-Ġetsemani
2. Il-proċess quddiem is-Sinedriju
3. Il-proċess quddiem Pilatu
4. Il-kundanna għall-mewt
5. Ġesù mgħobbi bis-salib u l-ewwel waqgħa
6. Il-laqgħa ma' Ommu u t-tieni waqgħa
7. It-tielet waqgħa u l-għajnuna ta' Xmun minn Ċirene
8. Ir-raba' waqgħa u l-ġest ta' ħniena tal-Veronika
9. Il-ħames waqgħa
10. In-nisa ta' Ġerusalemm
11. Ġesù mneżża' minn ħwejġu
12. It-tislib
13. Il-mewt
14. Ġesù mniżżel mis-salib
15. Id-difna

Opra oħra tal-istess żmien (1584) hija dik tas-saċerdot fjamming Christian van Adrichem (Adrichomius). Il-Via Dolorosa hi maqsuma fi 12-il stazzjon, li l-ordni tagħhom fis-sustanza mhux differenti minn dak ta' van Paschen; il-waqgħat ta' Ġesù ġew imnaqqsa għal tlieta. Adrichomius għamel sforz biex jindika t-tul tat-triq li mexa Ġesù mingħand Pilatu sal-Kalvarju; 1321 pass jew 3330 pied (=kważi 4 kilometri). Il-qies preċiż tad-distanza bejn stazzjon u ieħor kellu skop; b'dan il-mod, in-nisrani jkun fejn ikun (id-dar jew il-knisja), jimxi madwar jew lura u 'l quddiem biex jimxi ma' Ġesù, iżomm f'moħħu it-Triq tas-Salib u jimmedita f'qalbu l-passjoni ta' Kristu.

Bejn is-sekli XVII u XVIII, l-iskema tal-Via Crucis ħadet forma ġdida, din id-darba definitiva: mat-tnax-il stazzjon ġew miżjuda (jew separati minn dawk diġà eżistenti) l-aħħar tnejn; Ġesù jitniżżel mis-salib u d-difna. B'dan il-mod ġie affermat u mxerred l-ordni l-ġdid tal-Via Dolorosa magħmula minn 14-il stazzjon, li għadha hekk sal-lum.

Fl-1731 il-Kongregazzjoni tal-Indulġenzi għarfet il-Via Crucis bħala devozzjoni qaddisa. Din id-deċiżjoni ekklesjastika

sabet appoġġ prezzjuż fil-predikazzjoni ta' San Leonardo da Porto Maurizio – il-famuż predikatur Franġiskan tal-Via Crucis – li ghal 40 sena, sal-mewt tiegħu fl-1751, waqqaf personalment 572 Via Crucis. Waħda minnhom, bil-permess tal-Papa Benedittu XIV, waqqafha ġewwa il-Colosseo ta' Ruma fl-1741. F'dan il-post, imqaddes bid-demm ta' tant martri insara, il-Papa Pawlu VI, wara l-pellegrinaġġ li għamel fl-Art Imqaddsa fl-1964, beda l-użanza li jagħmel hemm il-Via Crucis nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Din id-devozzjoni, minkejja l-bidliet li rat fil-forma tagħha, baqgħet dejjem tgawdi stima kbira mill-insara. Imma lanqas ma naqsu l-kritiċi. Wieħed mill-aktar ħorox kien il-benedittin P. Giuseppe Maria Puiati tal-monasteru ta' Monte Cassino. Huwa wera d-dubbji tiegħu dwar l-istazzjonijiet li ma humiex imsemmija fil-Vanġeli – il-waqgħat, il-laqgħa ma' Ommu, il-ġest tal-Veronika u li jpoġġu l-ġisem mejjet ta' Ġesù f'ħoġor Marija. Kienu ħafna l-awturi li taw ir-reazzjoni tagħhom għal dawn l-oġġezzjonijiet. Dawn sostnew li l-veru sens



tal-Via Crucis mhux dejjem hu bbażat fuq il-kronoloġija ta' fatti storiċi, xi wħud mill-istazzjonijiet huma msejsa fuq it-tradizzjoni, meħuda mill-ħajja liturġika jew mill-frott ta' riflessjoni teoloġika u mill-intwizzjoni spiritwali ta' l-insara. Il-Via Crucis ma tatix kronologija tal-aħħar sigħat tal-ħajja ta' Ġesù, u lanqas ma hu l-iskop tagħha li b'mod fidil tirrappreżenta l-aħħar ġrajjiet ta' ħajtu, anki jekk uħud mill-istazzjonijiet huma meħuda mill-Vanġeli. Il-Via Crucis tgħin lin-nisrani jidħol fil-misteru tas-sofferenza u tal-mewt ta' Iben Alla. Hija lezzjoni ta' umiltà u mħabba – sejħa għall-konversjoni. Min iħares lejn il-Via Crucis mill-viżjoni storika jew ifittex stimuli ta' natura esiġetika, wisq probabbli li jibqa' deluż. L-ewwel tħassib huwa proprju dwar il-belt ta' Ġerusalemm, fejn Ġesù miet u rxoxta. Il-belt, minn żmien Ġesù, ġiet meqruda u mibnija mill-ġdid bosta drabi. Il-pellegrin irid iżomm dan f'moħħu waqt li jkun qed jagħmel it-Triq tas-Salib ġewwa il-*Via Dolorosa*, qalb l-isqaqien u toroq dojoq u l-istorbju u kaos tas-suq ta' Ġerusalemm illum. Wieħed jifhem il-mistoqsija, "Imma veru li Ġesù mexa hawn?" Il-mixi matul it-Triq tas-Salib irid ikun akkumpanjat mill-fidi u d-devozzjoni. Dan biex wieħed jissupera l-barrieri taż-żmien. Irridu nħallu l-ġebel jitkellem, xhieda tal-passat li jibnu l-pont bejn ilbieraħ u illum. L-istazzjonijiet tal-Via Dolorosa jagħmlu ħajjin il-mumenti traġiċi fil-ħajja ta' Ġesù, li n-nisrani irid jidħol fihom biex jiltaqa' mal-ħellies, tifkira tal-wegħda divina, "tfittxuni u ssibuni. Meta tfittxuni b'qalbkom kollha, issibuni" (Ġer 29,13-14).





# IL-FOQRA TAL-MULEJ BIL-BIBBJA

***Fr. Charles Buttigieg***

*"Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet" (Mat 5:3)*

## Il-Foqra ta' qalb umli

Fl-Ebrajk insibu diversi kliem li jfissru l-kelma 'faqar', fost dawn insibu: ebhyon, dal, rush,

chelekhah. Fil-Grieg insibu l-kelma 'ptochoi' għall-foqra. Insibu ukoll fl-Ebrajk il-kelma 'anaw', plural 'anawim', li gejja mill-verb 'anah', li jfisser 'tgħawweg 'l isfel' jew 'titgħawweg', għaliex dawk li huma fqar u batuti minħabba s-sewwa huma tassew qaddejja umli ta' Alla. Għalhekk l-'anawim' huma dawk il-fqar li jbatu u jitolbu b'qalb umli, u huma msejħa fl-Antik Testment bħala 'il-foqra ta' Jahweh': "il-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta' Jahweh" (Salm 86:1). L-idea kienet mela li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla.

## Il-Fqar tal-Mulej

L-għazla tal-poplu Lhudi ġej mill-fatt li Alla ħenn għal dan il-poplu li kien imjassar fl-Egittu: "Għax qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż; għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idejk sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek." (Dewt 15:11, ara Ezodu 3:8). Iżda din it-tama tal-Mulej fl-Egittu tmur lura fiż-żmien meta qabel Alla kien għamel diversi pattijiet mal-Patrijarki: Abraham, Iżakk u Ġakobb kif naqraw f'Rumani 4:18 : « Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen, u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus, skont ma kien ntqal lilu ». L-istorja ta' Ġuzeppi tal-Antik Testment, hija ukoll ikona ta' dan il-faqar tal-Mulej. Ġuzeppi mibjugħ minn ħutu, jispiċċa fil-faqar tal-ħabs tal-Farun,



*Mosè jirċievi l-Kmandamenti*

jinterpreta l-ħolm, isir vici-re ta' l-Egittu u jsir tama għal ħutu meta dawn ġew biex jixtru l-qamħ minn għandu. Ħutu neħħewlu qabel it-tama u issa hu jagħtihom mill-gdid it-tama. Anke Mose` hu mudell ta' dan il-faqar tal-Mulej ; il-bniedem li jtemtem sar tama għall-poplu ta' Izrael: "Mose` kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wicc l-art" (Numri 12:3).
Ikona oħra tal-bniedem b'qalb umli u fqir fl-ispirtu huwa Ġob, il-bniedem sfortunat imma baqa' jittama f'Alla. Tama li narawha dejjem tidwi fil-messaġġ ta' Alla lill-poplu fuq kollox permezz tal-profeti. Insemmu l-esperjenza ta' Ġeremija ppersegwitat minn sħabu.
Ġona li jsir tama għall-belt ta' Ninive. Il-profeta Isaija jwassal dan il-messaġġ tat-tama lill-fqajrin tal-Mulej: "u l-imsejknin jifirħu fil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta' Iżrael" (Isaija 29:19); u "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi; għaliex hu ikkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin. Bgħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja. Inrodd il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (Isaija 61:1-2). Dan il-kliem jgħidu Ġesù nnifsu fis-sinagoga ta' Nazaret wara li qara din is-silta ta' Isaija kif naqraw f'Luqa 4:18. Infatti eżattament wara dan l-episodju Ġesù ħeles lil wieħed imxajtan u fejjaq omm il-mara ta' Pietru.
Is-salmi ukoll juruna dan l-aspett tat-tama tal-imsejken, fejn fost oħrajn insibu s-Salm 10:12: "Qum, Mulej! Erfa' idek, O Alla! La tinsihomx lill-imsejknin"; is-Salm 22:27: "Jieklu l-fqajrin u jixbgħu; ifaħħru l-Mulej dawk li jfittxuh"; u s-Salm 149:4 "Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa".

## Ġesu' u l-Faqar fl-Ispirtu

Ġesù fil-ħajja tiegħu għazel il-faqar, iċċkken sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ġesù twieled fqir, għex fqir, ħajja pubblika fil-faqar u miet ta' fqir, il-mewt tas-salib. Ġesù jitlob mis-segwaci tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jircievu l-vera għana.
Frażi ċara ħafna li turi lil Ġesù jistieden sabiex ngħixu dan it-tip ta' faqar, hu meta Ġesù stess jgħid f'Mattew 11:29: "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom".
Dan il-kliem Ġesù qalu, wara li xi dixxipli ta' Ġwanni l-Battista li kien fil-ħabs bdew jsaqsu dwar Ġesù kif insibu f'Mattew 11:5 u Luqa 7:18-23: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jergħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imgiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija".
Ġesù ma kienx mela xi Messija politiku iżda Messija fqir, umli u manswet kif iħobb jgħallem il-Qaddis San Ġorġ Preca.
Il-predikazzjoni u l-mirakli ta' Ġesù huma mela marbuta ma' dan l-aspett tat-tama: « Bigħu

ġdkom u agħtuh karita`, u fittxu għalikom infuskom boroz li ma jitmermrux, teżor li ma jigix nieqes fis-sema… » (Lq 12 :33) ; "mur, biegħ li għandek u agħtih lill-foqra » (Lq 18:22) ; "X'ħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom għax kien qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad igħallimhom hafna hwejjeg" (Mark 6:34).
Ma ninsewx imbagħad id-diskors tal-Muntanja: « Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet » (Mt 5:3). L-idea ta' San Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m'hemmx il-ġid li jtellifhom; "Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art" (Mt 5:5). Min hu fqir f'qalbu però għandu garanzija li se jkun mal-Mulej dejjem: "Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw lil Alla" (Mt 5:8).

## Konkluzzjoni

Il-filosofu Theilhard de Chardin jikkummenta li: "Id-dinja hija għal dawk li huma kapaci joffru tama tassew kbira". Jehtieġ mela li nkunu iktar fqar f'qalbna u fl-ispirtu u nħarsu lejn Kristu li qalilna: "U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed lill-bnedmin kollha lejja" (Ġwanni 12:32). Kristu hu għalhekk it-tama tagħna: "Hu li kien għani, sar fqir minħabba fikom biex jagħnikom bil-faqar tiegħu" (2 Korintin 8:9).


Ġob



# IS-SACERDOZJU TA' KRISTU FL-ITTRA LIL-LHUD (1)

*P. Noel Muscat ofm*

L-Ittra lil-Lhud hi mimlija densità ta' duttrina teoloġika u profondità umana. L-awtur jesprimi għarfien tal-misteru ta' Kristu u, fl-istess ħin, jippreżentah bħala dak li hu ħaġa waħda f'kollox ma' l-umanità. Fl-istess ħin l-Ittra hi mimlija riferimenti għall-kult tat-Testment il-qadim u riferimenti simbolici lejn realtajiet tar-reliġjon Lhudija. Fost l-istudjużi hemm diversi mistoqsijiet dwar din il-kitba: min hu l-awtur ta' din l-Ittra? Nistgħu norbtuha

b'xi mod ma' l-Appostlu Pawlu? Min huma d-destinatarji ta' din l-ittra? Se nippruvaw nagħtu ħarsa lejn dawn l-elementi qabel ma nidħlu fit-tema principali ta' l-Ittra, jiġifieri s-saċerdozju waħdieni ta' Kristu li jissupera s-sacerdozju tat-Testment il-qadim. Dan sejrin nagħmluh ukoll fil-kuntest tas-sena li l-Papa Benedittu XVI ried li niddedikawha għall-approfondiment tas-sacerdozju ministerjali.

## L-oriġini ta' l-Ittra lil-Lhud

Fil-Knejjes tal-lvant l-Ittra lil-Lhud minn dejjem ġiet meqjusa bħala kitba ta' San Pawl. Minkejja dan, anke l-istudjużi tal-qedem innutaw li l-Ittra fiha diversi elementi li jiddistingwuha mill-Ittri l-oħrajn ta' l-Appostlu Pawlu.
San Klement ta' Lixandra jippreżenta l-Ittra bħala adattament bil-Grieg ta' dokument li Pawlu kitbu bl-Ebrajk (Ewsebju ta' Cesarija, Historia Ecclesiastica, VI, 14.2). Oriġene jgħid li l-Ittra lil-Lhud ġiet miktuba minn dixxiplu ta' San Pawl li jesprimi bil-fedeltà t-tagħlim ta' l-imgħallem tiegħu. Oriġene jgħid li ma jafx min hu dan id-dixxiplu awtur ta' l-Ittra.
Fil-punent San Klement ta' Ruma kien għamel użu mill-Ittra lil-Lhud fl-Ittra li kiteb lill-Korintin fl-1 seklu. Imma fil-Knisja tal-punent kien hemm aktar problemi biex l-Ittra tiġi accettata bħala opra ta' Pawlu. Imbagħad l-Ittra kellha xi elementi suspetti li kienu diġà adottati minn setet u eretici. Eżempji jinkludu l-kapitlu 7, li jitkellem dwar is-sacerdozju ta' Melkisedek bħala tip tas-sacerdozju ta' Kristu. Dawk li ma kienux jaccettaw il-maħfra tad-dnubiet wara l-magħmudija kienu jikkwotaw Lhud 6,4-6 u 10,26, filwaqt li l-eretici Arjani kienu jużaw Lhud 3,2 biex isostnu li l-Verb ma kienx divin imma biss kreatura. San Ġlormu jgħid li r-Rumani ma kienux jattribwixxu l-Ittra lil-Lhud lil San Pawl, imma fl-istess ħin jaccetta l-Ittra bħala kitba ispirata fuq ix-xhieda li kienet tagħti dwarha l-Knisja



fil-lvant. Dan kien ukoll il-parir ta' Santu Wistin. Il-Kanoni ta' l-Iskrittura li ġew stabiliti lejn tmiem is-seklu 4 temmew id-dubji billi inkludew l-Ittra lil-Lhud fil-lista ta' l-Ittri ta' San Pawl. Fil-Medjuevu l-Glossa ordinaria stabiliet li l-Ittra lil-Lhud hi kitba ta' San Pawl li ġiet fedelment tradotta bil-Grieg minn Luqa wara l-mewt ta' l-Appostlu.
Id-diskussjoni reġgħet qamet fi żmien ir-Riforma. Fl-1517 Luteru kiteb kummentarju fuq l-Ittra lil-Lhud. Mhux biss jgħid li l-Ittra hi dik ta' Pawlu, imma saħansitra li f'din l-Ittra Pawlu jeżalta l-grazzja kontra l-kburija tal-ġustizzja umana li tiġi mill-osservanza tal-liġi. Minkejja dan hu jammetti li l-Ittra fiha lingwaġġ differenti minn dak ta' kitbiet oħrajn, per eżempju l-Ittra lill-Galatin. Skond hu, l-Ittra lil-Lhud hi opra komposta, jiġifieri kitba magħmula minn diversi awturi. Kalvinu wkoll jaccetta l-Ittra lil-Lhud bħala kitba ispirata, imma ma jikkunsidrahiex opra ta' San Pawl.
Il-maġisteru Kattoliku, li hu marbut b'mod sħiħ max-xhieda tat-tradizzjoni, ipprova jiddefendi l-oriġini Pawlina ta' l-Ittra. Ta' min jinnota li l-Koncilju ta' Trentu ma ħareġ bl-ebda stqarrija uffiċjali dwar il-kwestjoni ta' l-awtenticità ta' l-Ittra. Diversi kummentaturi Kattolici bdew iqisu li l-awtur kien dixxiplu ta' San Pawl, li fil-fatt kiteb opra oriġinali. Il-Kummissjoni Biblika Rumana kienet ipprojbiet lill-Kattolici li jiċħdu l-oriġini Pawlina ta' l-Ittra, għalkemm ammettiet li wieħed seta' jitkellem dwar redazzjoni minn id mhux ta' Pawlu. Wieħed mill-aktar studjużi famużi fil-kamp Kattoliku, C. Spicq (L'épitré aus Hébreux, tomo I, pp. 260-261) jgħid li l-Ittra ġiet miktuba minn Apollo, wara l-martirju ta' San Pawl.

## L-awtenticità ta' l-Ittra lil-Lhud, destinatarji u datazzjoni

L-Ittra lil-Lhud ftit li xejn fiha xebħ ma' l-Ittri ta' San Pawl. Ta' xejn fl-Ittra nippruvaw infittxu l-espressjoni "Kristu Ġesù", jew "fi Kristu", li hi tant frekwenti fl-Ittri ta' San Pawl. L-awtur isemmi biss darba l-qawmien mill-imwiet ta' Kristu (13,20), u l-preżentazzjoni tat-tema tas-sacerdozju ta' Kristu hi unika fit-Testment il-ġdid.
Minkejja dan hemm xi xebħ li ta' min jinnutah.
(1) Il-passjoni ta' Kristu hi preżentata taħt l-aspett ta' l-ubbidjenza volontarja f'Lhud 5,8 u 10,9 (cfr. Fil 2,8 u Rum 5,19); (2) l-Ittra ssemmi l-fatt li l-Liġi tat-Testment il-qadim issa spiccat u flokha daħlet il-Liġi l-ġdida, f'Lhud 7,11-19 u 10,1-10 (cfr. Gal 3,21-25; Rum 4,15; 5,20); (3) l-Ittra lil-Lhud issib fl-Ittri ta' San Pawl riferimenti espliciti għat-tema principali tagħha (cfr. 1Kor 5,7; Rum 3,25; Ef 5,2), rigward l-aspett sagrifikali u sacerdotali tar-redenzjoni; (4) hemm rabtiet fil-Kristoloġija ta' l-Ittra lil-Lhud ma' dik fl-Ittri tal-priġunija ta' San Pawl: l-Iben bħala xbieha ta' Alla, li hu 'l fuq mill-anġli u s-setgħat, u li Ismu jiġi msebbaħ fuq kull isem.
Hu difficli li niddeterminaw bi preciżjoni l-isem ta' l-awtur ta' l-Ittra. Hemm diversi ipotesi fost l-istudjużi: Luqa, Klement ta' Ruma, Barnaba, Apollo. Dan ta' l-aħħar jidher li hu l-aktar wieħed probabbli: kien Lhudi, ircieva edukazzjoni ellenistika f'Lixandra, kellu għarfien ta' l-Iskrittura (Atti 18,24-28; 1Kor 3,6).
Hemm ukoll dubji jekk din hix fil-fatt Ittra jew diskors. L-istil mhux dak epistolari, għax l-Ittra tibda bi prologu teoloġiku (1,1-4). Hemm donnu biljett epistolari fi tmiem l-Ittra (13,22-25) imma l-kumplament jidher li hu diskors magħmul lil komunità ta' insara li, b'xi mod, kienu midħla tar-reliġjon Lhudija (1,1 – 13,21).
Id-destinatarji wkoll hu difficili nkunu nafu min kienu. Awturi antiki jsostnu li d-destinatarji kienu insara ta' oriġini ebrajka li kienu jgħixu fil-

Palestina. Imma l-Grieg ta' l-Ittra juri li din mhix traduzzjoni, u għalhekk ma jistax ikun li hi inkitbet oriġinarjament bil-Lhudi. Li nistgħu ngħidu biss hi li d-destinatarji kienu midħla tar-riti Lhud fit-Tempju, imma wkoll li kienu nsara li kienu għaddejjin minn persekuzzjoni (10,35-36; 12,4.7).

Id-data tal-kompożizzjoni ta' l-Ittra tista' tiġi kalkulata b'mod diversi. Xi kummentaturi jridu li l-Ittra inkitbet f'data antika, qabel l-Ittri ta' Pawlu. Oħrajn jgħidu li nkitbet lejn tmiem is-seklu 1. Dawk li jattribwuha lil Klement ta' Ruma jqiegħdu d-data fis-sena 95. Oħrajn jiddatawha għal xi data qrib il-mewt ta' Pawlu, lejn is-sena 64, u l-fatt li l-Ittra ssemmi l-kult tat-Tempju ta' Ġerusalemm bħala xi ħaġa attwali jindika li inkitbet qabel is-sena 70, meta t-Tempju ġie meqrud. L-istruttura ta' l-Ittra hi importanti biex imbagħad iddaħħalna fit-tema principali ta' l-analiżi tagħna, jiġifieri s-sacerdozju ta' Kristu.







Il-Franġiskani huma l-Kustodji tas-Santwarji tal-Fidwa f'isem il-Knisja Kattolika. Ilhom preżenti mill-1217 fl-Art ta' Ġesù. Il-"Patrijiet tal-Ħabel", kif inhuma magħrufin il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, jgħinuk tagħmel pellegrinaġġ li ma tinsiehx. Jgħinuk tgħix il-paġni ta' l-Evanġelju fuq l-istess postijiet li seħħu, b'differenza.

Għax huma dawn il-postijiet jgħixu fihom. Jgħinuk tifhem ġrajjiet ta' storja u monumenti ta' arkeoloġija li huma stess ħarġuhom għad-dawl.

F'Malta l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa joffrilek dan is-servizz professjonali bil-pellegrinaġġi lejn l-Art Qaddisa li l-Papa Pawlu VI sejħilha "il-Ħames Evanġelju".

kummissarjat
ta' l-art imqaddsa




l-art imqaddsa
mal-franġiskani

19 April - 27 April
16 Mejju - 24 Mejju
30 Mejju - 7 Ġunju
18 Lulju - 26 Lulju
1 Awwissu - 9 Awwissu
29 Awwissu - 6 Settembru
12 Settembru - 20 Settembru

Art Imqaddsa u Sinai
02 Novembru - 12 Novembru

8, Triq Santa Luċija
Valletta, VLT 1188
21 24 22 54 tel
21 25 20 31 fax
comalt@ofm.org.mt

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254

